Nru 144 - Marzu 2019 - b'xejn ma' L-ORIZZONT

# SPORTIV






BOV HOME LOANS

# BUY THE PROPERTY **OF YOUR DREAMS**

Whether it's time to look at a new property or upgrading your current home, a BOV Home Loan can assist you with a home loan built around your personal financial situation. Talk to us today.

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV

Bank of Valletta

# EDITORJAL


# SPORTIV

Magazin Sportiv ta' kull xahar

**Ħarga Numru 144**
**MARZU 2019**

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Stacy Sciberras
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Tonio Magro
Walter Sargent
Paul Zammit Cutajar
Joe Borg
Ian Aquilina
Trevor Sollars
Wally Galea
Mario Micallef





**Kompetizzjoni eċċitanti taċ-ċikliżmu**



Ninsabu fi tmiem ta' xahar ieħor, dak ta' Marzu u għal darba oħra qiegħed nerġgħu nwasslulkom edizzjoni oħra tal-magazine sportiv favorit tagħkom. F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn lejn il-ħidma ta' SportMalta, l-investimenti massiċċi fil-bini ta' pixxina ġdida indoor olimpika fil-Kottonera, l-immodernizzar tat-trakka tal-Marsa u assistenza lil diversi assoċjazzjonijiet sportivi. L-aħħar ġimgħat kienu wkoll ikkaratterizzati mill-organizzazzjoni tal-IsportMalta Awards-L-Għażliet Sportivi Nazzjonali. Inwasslulkom intervisti mal-isportiv tas-sena Brian Galea u l-isportiva tas-sena Eleanor Bezzina. Ma nistgħux ukoll ma nfaħħrux lil Scott Muscat li temm champion Ewropew fil-pool fejn hu wkoll jagħtina l-kummenti tiegħu dwar dan is-suċċess.

Ma nonqsux ukoll f'din l-edizzjoni nkomplu nagħtu ħarsa lejn l-impenji tat-team nazzjonali Malti. It-tkomplija tal-kampjonat tal-football Premier lokali u anki dawk ewlenin Ewropej. Ix-xhur li ġejjin se jkunu importanti wkoll għall-Kumitat Olimpiku Malti u dwar dan ħadna l-kummenti ta' Joe Cassar, segretarju ġenerali. F'din l-edizzjoni ssibu wkoll artikli dwar il-waterpolo, tiġrijiet taż-żwiemel, l-isport awtomobilistiku, iċ-ċikliżmu u l-isport f'Għawdex.

Ma jonqsux ukoll rubriki u kompetizzjonijiet oħra ta' kull xahar. Dan kollu jagħmel il-magazine Sportiv l-għażla tagħkom. Ħajr dejjem imur lejn il-kollegi, kontributuri u fotografi ta' diversi entitajiet li jkomplu jagħmlu dan il-magazine aktar interessanti. Flimkien inkomplu naħdmu biex Sportiv...jibqa l-uniku u l-aqwa magazine ta' kull sportiv Malti u Għawdxi.


*Kenneth Vella*
*kennethvella@hotmail.com*
*sportiv@unionprint.com.mt*



UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa. Dan il-magażin jingħata b'xejn mal-ġurnal l-orizzont u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.



# SPORTIV

## KONTENUT


06 - SportMalta

12 - Sportivi Nazzjonali

14 - Intervista
Brian Galea

16 - Intervista
Eleanor Bezzina

18 - Football

23 - ASMK

24 - Intervista
Joe Cassar

28 - Tiġrijiet taż-Żwiemel










30 – Gozo Sports

32 – Pool

34 – Intervista Scott Muscat

36 – MEUSAC

40 – Ironman

41 – Ċikliżmu

42 – Internazzjonali

44 – Storja tal-football

46 – Spot the ball u Tisliba




# Investiment ta' €8 miljun f'pixxina indoor olimpika

Waqt żjara fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera hekk kif għaddejjin ix-xogħlijiet fuq l-ewwel proġett tal-pixxina indoor ta' skala internazzjonali b'investiment ta' €8 miljuni, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima saħaq li dan il-proġett ta' livell olimpiku mwiegħed fil-manifest elettorali huwa ta' opportunità eċċellenti biex is-settur akwatiku tal-isport f'pajjiżna jkompli jieħu spinta 'l quddiem u jkompli jagħti kontribut għal aktar suċċessi li nkisbu fl-aħħar snin.

Is-Segretarju Parlamentari spjega li l-pixxina indoor state-of-the-art immexxija minn SportMalta se tkun fost l-aqwa kumplessi sportivi fil-Mediterran. Fi kliem Clifton Grima, dan il-proġett, li mistenni jkun lest f'Diċembru 2020, se jkun qed jikkumplimenta l-Istrateġija Nazzjonali għall-Isport. Din hija turija ċara li l-Gvern huwa mpenjat li jkompli jsaħħaħ l-infrastruttura sportiva biex ikompli jgħolli u jilħaq livelli ta' suċċess fl-isport f'pajjiżna.

Waqt din iż-żjara ntemmet it-tieni fażi ta' dan il-proġett li kienet tikkonsisti fiż-żarmar u twaqqigħ tal-Boċċi Dromo. It-tħejjijiet għal dan il-proġett jikkonsistu fi tlett partijiet fejn issa jmiss li jingħata bidu għat-tielet fażi li tinvolvi l-preparamenti kollha biex tinbena l-pixxina indoor innifisha. Fl-ewwel parti ta' dan il-proġett tlesta l-bini ta' retaining wall mad-dawra tal-istess proġett.

Waqt l-intervent tiegħu, il-Kap Eżekuttiv ta' SportMalta Mark Cutajar spjega li issa tlestew l-ewwel żewġ fażijiet ta' dan il-proġett u huwa kkalkulat li d-dipartiment tal-kuntratti għandu joħroġ it-tielet tender fl-ewwel ġimgħa ta' April li ġej.




Mark Cutajar qal li l-pixxina hi ta' daqs olimpiku ta' 5000 metru kwadru, b'saqaf tal-injam b'tul ta' 44 metru kif ukoll ħitan tal-ħġieġ li jkopru mal-44 metru kwadru kull naħa, u fond ta' 2.2 metri, liema tul jissodisfa r-rekwiżit mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Għawm. Huwa qal ukoll li l-pixxina se tkun mgħammra bl-aħjar teknoloġija fosthom dik tal-bulkheads biex il-pixxina tkun maqsuma f'aktar minn faċilità waħda. L-art tal-pixxina se jkollha funzjoni li titla' u tinżel biex il-coaches tal-għawm ikunu jistgħu jagħtu l-lezzjonijiet tagħhom fl-ilma stess. Apparti hekk, il-materjal ta' twaqqigħ qed jiġi kollu riċiklat. Huwa temm jgħid li dan l-investiment ser jagħti nifs lill-isport akwatiku u fl-istess ħin se jkun ta' ġojjell għan-nies tal-Kottonera u l-madwar.

Iċ-Chairman ta' SportMalta Luciano Busuttil qal li dan huwa parti minn kullana ta' proġetti li tieħu ħsieb SportMalta, liema proġett se jkun wieħed mill-aqwa kumplessi sportivi fil-Mediterran għax il-pixxina indoor se tkun qed tikkumplimenta faċilità tal-padiljun li għandha spazju għal 400 spettatur kif ukoll sala tal-konferenzi u kafetterija. Huwa qal li atleti Maltin mhux se jibqgħu żvantaġġati meta mqabbla ma' atleti barranin fejn jitħarrġu f'pixxina miftuħa u jikkompetu f'pixxina indoor. Żied jgħid ukoll li bil-faċilitajiet il-programmi fi ħdan SportMalta se jkunu qed jikbru u jiżviluppaw f'aktar opportunitajiet.






# 40 Assoċjazzjoni Sportiva

## jibbenefikaw minn Għajnuna Finanzjarja minn SportMalta

Grazzi għal SportMalta, diversi assoċjazzjonijiet, klabbs u atleti reġgħu bbenefikaw minn għajnuniet finanzjarji. Dawn l organizzazjonijiet jibbenefikaw minn dawn il-fondi wara li jkunu applikaw għal diversi skemi li l-istess SportMalta toffri.

Ammont ta' €270.000 ġew mgħoddija' lil il-fuq minn 40 Klabb Sportiv għal skemi differenti fosthom l-Investiment għall-Faċilita', l-Iskema għal Taghmir Tekniku, l-Iskema għal Parteċipazzjoni Internazzjonali u għal Elite Athlete Development.

SportMalta wkoll ħa tkun qed talloka l-ammont ta' €90,000 lill-komunita' tal-Motorsport bi ftehim mal-Malta Motorsport Federation li ha tkun qed tgħaddi lil SportMalta r-rakkomandazzjonijiet għall-benefatturi. Dawn il-fondi ma jinkludux l-assistenzi li diġa' ġew mwegħda minn ftehim ma' ċerti Organizzazjonijiet Sportivi, bħal ftehim li SportMalta għamlet fl-2017 mal-Kumitat Olimpiku Malti li l-ispiża totali għal kull sena tlaħħaq għal €705,000.

Għal din is-sena wkoll SportMalta b'kollaborazzjoni mal-Bank of Valletta, nediet l-iskema tal-Youth Development Scheme u anke dik tal-Flexi Training. B'dan kollu l-Atleti magħżula ha jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-iskemi matul is-sena kollha. Skema oħra li daqt tiġi mnedija hi dik biex l-organizzazzjonijiet ikunu aktar effiċjenti għal enerġija b'kollobarazzjoni mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma.

SportMalta wkoll tfakkar lill-organizzazjonijiet reġistrati magħha li kull min ħa jkun qed jospita xi avveniment internazzjonali din is sena biex japplika għall-Iskema Sport Tourism. L-Applikazzjonijiet għal din l-iskema għandhom jaslu fl-Uffiċini ta' SportMalta, mhux aktar tard mill-31 ta Marzu 2019. Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm is-Segretarju Parlamentari għal-isport Clifton Grima li tkellem dwar l-istrateġija li ser tiġi imnediha fix-xhur li ġejjin li tagħti iktar finanzi lill-isport u fl-istess ħin tagħmel iktar pressjoni fuq l-Assoċjazzjonijiet li issa jridu jsarrfu l-flus f'riżultati.

Iċ-ċermen ta` SportMalta Luciano Busuttil tkellem dwar it-trasparenza u kontabilità fl-iskemi ta' l-entità filwaqt li l-Kap Eżekuttiv Mark Cutajar ta rendikont ta` dak kollhu li ġie mogħti fl-2018 u anke l-pjan finanzjarju għall-2019. Spjega li fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun hemm iktar atleti elite u żgħażagħ li ser jibbenefikaw.





# Investiment ta' €600,000 fit-trakka tal-Marsa

Is-Segretarju Parlamentari għall-Isport Clifton Grima flimkien mal-Kap Eżekuttiv ta` SportMalta Mark Cutajar għamlu żjara biex jaraw kif qed jiżviluppa x-xogħol fil-wiċċ ġdid ta` trakka ta' l-atletika fil-Matthew Micallef St John Athletic track fil-Marsa. Dan ix-xogħol, li qed isir b'investiment ta` 600 elf Ewro minn SportMalta huwa t-tieni parti ta` proġett wara li SportMalta, fl-2016, kien ta ħajja ġdida lill-Warm Up Track. Dan il-proġett kien jinkludi tlett saffi differenti ta` xogħol bi trakka issa għandha ċertifikat tal-Federazzjoni Internazzjonali.

Ix-xogħol issa kważi tlesta u għalhekk l-atleti ser ikollhom wiċċ ta` trakka kompletament ġdid u jistgħu jippreparaw bi sħiħ għal-logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li jmiss fil-Montenegro f'Ġunju li ġej. Fil-fatt issa l-perjodu Marzu sa Mejju huwa wieħed kruċjali.

Is-Segretarju Parlamentari qal li il-Gvern embarka fuq numru ta` proġetti infrastrutturali sabiex jipprepara iktar minn qatt qabel għal qabża fil-kwalita' fl-isport. Huwa qal li issa sta għall-assoċjazzjoni li tieħu ħsieb dan il-post li huwa ġojjell ta` l-atletika f'pajjiżna. Semma li barra dan hemm proġetti oħrajn li wkoll qiegħed jiġu ffinanzjati mill-Gvern permezz ta` SportMalta sabiex jinġiebu aktar kompetizzjonijiet ta` livell f'pajjiżna.

Il-kap eżekuttiv Mark Cutajar qal li fi spazju ta' ftit snin sar investiment ta` kważi miljun ewro fi trakka u dan kollu juri li SportMalta tħares b'interess kbir lejn l-atletika għax taf li hija ġġorr l-ikbar numru ta` medalji f'kull kompetizzjoni inkluż il-Loghob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. Huwa tenna li l-għajnuna ma tieqafx hawnhekk iżda tinfirex anke f'għajnuna diretta lill-atleti kbar u żgħażagħ kif ukoll f'għajnuna lill-Kumitat Olimpiku Malti sabiex dan jingħata lill-istess Assoċjazzjoni.

Preżenti għal din iż-żjara kien hemm fost l-oħrajn l-President ta` MAAA Edwin Attard li rringrazzja lill-Gvern għax xogħol li sar fil-Marsa sabiex dan l-isport jgħola fil-livell. Huwa qal li fi żmien li ġej Malta ser tospita u ser tieħu sehem f'kompetizzjonijiet importanti u l-wiċċ ta` trakka kien essenzjali li jkun ta' livell.

# Ir-Rebbieħa tal-Isportivi Nazzjonali jiltaqgħu mal-President ta' Malta

**Riċentement ir-rebbieħa tad-59 edizzjoni ta' l-iSportivi Nazzjonali kienu mistiedna l-Palazz San Anton sabiex jiġu ppreżentati lill-E.T. il-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca.**

Jakkumpanjaw lil dawn l-atleti kien hemm is-Segretarju Parlamentari għaż-Żagħżagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat l-Onorevoli Clifton Grima, iċ-Chairman tal-Kumitat Organizzattiv u Kap Eżekuttiv ta' SportMalta Mark Cutajar kif ukoll il-President u s-Segretarju Ġenerali ta' l-Għaqda Ġurnalisti Sport Sandro Micallef u Lorraine Cunningham. Preżenti wkoll għal din il-laqgħa kordjali kien hemm il-kelliem għall-Oppożizzjoni għall-iSport l-Onorevoli Ryan Callus.

Mark Cutajar, li huwa wkoll il-kap Eżekuttiv ta` SportMalta rringrazzja lil President u fakkarha fil-ħames snin ta` ħidma li SportMalta u l-Uffiċju tal-President kellhom flimkien. Semma s-suċċess wieħed wara l-ieħor fil-Fun Run li rnexxielha tiġbor somom rekord sena wara sena. Mhux hekk biss iżda SportMalta ospitat fil-Kumpless ta' Ħal Kirkop l-Istrina. Huwa qal li huwa ta' pjaċir li l-ambaxxaturi ta` l-Isport Malti ġew hawnhekk f'simbolu tar-Repubblika Maltija.

Sandro Micallef irringrazzja lill-President talli sabet il-ħin li tiltaqa' ma' dawn ir-rebbieħa li onoraw lil Malta bis-suċċessi sportivi tagħhom u li l-akkwisti tagħhom kienu rikonoxxuti bl-unuri li rebħu waqt is-serata finali ta' l-iSportivi Nazzjonali.

L-atleti preżenti kienu Brian Galea, Eleanor Bezzina, Fabio Spiteri, Sara Xuereb, Matthew Bugeja, Fiona Ellul Bonnici, Pierre Montebello f'isem il-Malta Shooting Federation u Roderick Vella f'isem it-tim Nazzjonali tal-Baskitbol.



# Riżultat komplut



| SPORTIV TAS-SENA | |
|---|---|
| Gatt Rodney (Tiġrijiet Taż-Żwiemel) | 40 |
| Galea Brian (Sparar) | 38 |
| Bezzina Isaac (Judo) | 33 |
| Caruana Scicluna Justin (Ten Pin Bowling) | 28 |
| Farrugia Stefan (Raffa) | 28 |
| Aquilina Charles (Table Football) | 20 |
| Farrugia Juan (Indoor Rowing) | 17 |
| Mills Christ (Pool) | 16 |
| Schulteis Richard (Ibburdjar) | 15 |
| Castaldi Clayton (Chinese 8 Ball) | 5 |

| SPORTIVA TAS-SENA | |
|---|---|
| Zammit Stevens Yazmin (Weightlifting) | 37 |
| Pace Hanna (Triathlon) | 34 |
| Wingfield Charlotte (Atletika) | 31 |
| Xuereb Sara (Ten Pin Bowling) | 31 |
| Bezzina Eleanor (Target Shooting) | 24 |
| Sultana Colette (Squash) | 24 |
| Farrugia Joelle (Karate) | 22 |
| Ciantar Claire (Boxing) | 14 |
| Schembri Diane (Kickboxing) | 13 |
| Genovese Sacha (Table Tennis) | 10 |

| ŻAGĦŻUGĦ TAS-SENA | |
|---|---|
| Muscat Jake (Waterpolo) | 41 |
| Elaida Jacob (Atletika) | 34 |
| Sultana Kijan (Squash) | 29 |
| Balzan Jurgen (Table Football) | 25 |
| Vassallo Saul (Ibburdjar) | 25 |
| Spiteri Rudi (Għawm) | 24 |
| Gauci Nicky (Karting) | 20 |
| Galea Pirotta Matthew (Ċikliżmu) | 15 |
| Magro Matthew (Ten Pin Bowling) | 15 |
| Gatt Cayvon (Regatta) | 12 |

| ŻAGĦŻUGĦA TAS-SENA | |
|---|---|
| Curmi Francesca (Tennis) | 42 |
| Falzon Young Francesca (Għawm) | 39 |
| Xuereb Sara (Ten Pin Bowling) | 39 |
| Borg Ella (Ġinnastika) | 35 |
| Mangion Vassallo Shelby (Weightlifting) | 21 |
| Cutajar Anthea (Table Tennis) | 18 |
| Scicluna Carla (Atletika) | 15 |
| Antonelli Thyis (Karate) | 14 |
| Collins Shernise (Regatta) | 8 |
| Ellul Michaela (Badminton) | 4 |

| KOWĊ TAS-SENA | |
|---|---|
| Izzo Karl (Waterpolo) | 39 |
| Damian Neil (Rugby) | 29 |
| Muscat Winston (Football) | 28 |
| Caruana Jesmond (Weightlifting) | 27 |
| Paccarie Andrea (Basketball) | 25 |
| Giordmaina Jesmond (Lotta) | 24 |
| Bugeja Frans (Sparar) | 23 |
| Vogelesang Richard (Ten Pin Bowling) | 23 |
| Mercieca Noel (Kickboxing) | 12 |
| Fleri Soler Jean Paul (Ibburdjar) | 10 |

| UFFIĊJAL TAS-SENA | |
|---|---|
| Vassallo Bernard (Basketball) | 40 |
| Calleja Anna (Special Olympics) | 33 |
| Aquilina Stephen (Sparar) | 28 |
| Degiorgio Vincent (Pool) | 27 |
| Bugeja Frans (Billiards U Snooker) | 24 |
| Caruana Curran Joe (Waterpolo) | 23 |
| Zammit John (Ċikliżmu) | 22 |
| Paris Stephen (Regatta) | 15 |
| Spiteri Chris (Badminton) | 15 |
| England William (Motorsport) | 13 |

**Issa li għaddiet is-serata finali tal-IsportMalta Awards - Għażliet Sportivi Nazzjonali, qed nippublikaw il-voti kollha hekk kif ingħataw fis-semifinali u fil-finali.**

Fil-fażi tas-semifinali kienu l-ġurnalisti kollha membri fl-Għaqda Gurnalisti Sport li kellhom id-dritt li jivvutaw fis-seba' kategoriji li minnhom riedu jintgħażlu ħamsa għall-finali. Intefgħu total ta' 48 vot fejn vot wieħed fil-kategorija taż-Żagħżugħa kien invalidu.

L-aktar ħamsa li ġabu voti f'kull kategorija għaddew għall-fażi tal-finali. Fil-kategorija tal-Isportiva għaddew sitta peress li dawk fil-5 u s-6 post kellhom voti ndaqs.

| TIM TAS-SENA | |
|---|---|
| Basketball Tim Nazzjonali Rġiel | 43 |
| Waterpolo Tim Nazzjonali Rġiel | 37 |
| Rugby Tim Nazzjonali Rġiel | 34 |
| Football Tim Nazzjonali Rġiel U/19 | 24 |
| Lawn Bowls Tim Nazzjonali Nisa Logħob Tal-Commonwealth | 23 |
| Regatta Klabb Regatta Bormla | 21 |
| Eightball Tim Doubles Clint Azzopardi/ Lydon Debono | 16 |
| Pool Tim Nazzjonali Rġiel U/23 | 16 |
| Ten Pin Bowling Tim Nazzjonali Mixed | 15 |
| Weightlifting Tim Nazzjonali Mixed | 11 |

Hawn taħt issibu wkoll ir-riżultat tal-votazzjoni tal-finali li saret mill-ġurija li kienet qed tirrappreżenta lid-djar tal-midja ewlenin.

| SPORTIV TAS-SENA | |
|---|---|
| Brian Galea (Sparar) | 101 |
| Isaac Bezzina (Judo) | 61 |
| Rodney Gatt (Tiġrijiet Taż-Żwiemel) | 49 |
| Stefan Farrugia (Raffa) | 42 |
| Justin Caruana Scicluna (Ten Pin Bowling) | 27 |

| SPORTIVA TAS-SENA | |
|---|---|
| Eleanor Bezzina (Target Shooting) | 79 |
| Sara Xuereb (Ten Pin Bowling) | 74 |
| Yazmin Zammit Stevens (Weightlifting) | 49 |
| Hannah Pace (Triathlon) | 45 |
| Charlotte Wingfield (Atletika) | 22 |
| Colette Sultana (Squash) | 11 |

| ŻAGĦŻUGĦ TAS-SENA | |
|---|---|
| Kijan Sultana (Squash) | 92 |
| Saul Vassallo (Ibburdjar) | 82 |
| Jake Muscat (Waterpolo) | 60 |
| Jurgen Balzan (Table Football) | 26 |
| Jacob Elaida (Atletika) | 20 |

| ŻAGĦŻUGĦA TAS-SENA | |
|---|---|
| Sara Xuereb (Ten Pin Bowling) | 96 |
| Francesca Curmi (Tennis) | 82 |
| Francesca Falzon Young (Għawm) | 43 |
| Ella Borg (Ġinnastika) | 40 |
| Shelby Mangion Vassallo (Weightlifting) | 19 |

| KOWĊ TAS-SENA | |
|---|---|
| Karl Izzo (Waterpolo) | 98 |
| Andrea Paccarie (Basketball) | 74 |
| Winston Muscat (Football) | 51 |
| Damien Neill (Rugby) | 34 |
| Jesmond Caruana (Weightlifting) | 23 |

| UFFIĊJAL TAS-SENA | |
|---|---|
| Anna Calleja (Special Olympics) | 83 |
| Stephen Aquilina (Sparar) | 68 |
| Bernard Vassallo (Basketball) | 49 |
| Vincent Degiorgio (Pool) | 45 |
| Frans Bugeja (Billiards U Snooker) | 35 |

| TIM TAS-SENA | |
|---|---|
| Tim Nazzjonali Rġiel Basketball | 106 |
| Tim Nazzjonali Rġiel Waterpolo | 57 |
| Tin Nazzjonali Nisa Lawn Bowls | 44 |
| Tim Nazzjonali Rġiel U/19 Football | 40 |
| Tim Nazzjonali Rġiel Rugby | 33 |

# Brian Galea

## SPORTIV TAS-SENA 2018

L-Olimpjadi ta' Tokjo l-Mira Ewlenja tat-Tiratur



**Fl-2019 se jieħu sehem fit-Tazza tad-Dinja u fil-Kampjonati Ewropej**

Il-mira ewlenija tat-tiratur tad-double trap Brian Galea rebbieħ tal-Isportiv tas-Sena 2018 wara s-suċċess li kellu s-sena l-oħra fl-Awstralja fejn kien rebaħ midalja tal-bronż fil-Logħob tal-Commonwealth. Bi tħejjija biex ikun atleta fl-Olimpjadi, Galea se jipparteċipa fit-Tazza tad-Dinja u fil-Kampjonati Ewropej. F'intervista mal-magażin SPORTIV, Galea elenka dwar kif daħal fid-dixxiplina tal-Isparar u s-suċċessi li kellu sa issa kemm ilu jieħu sehem f'kompetizzjonijiet lokali u internazzjonali.

**Kif bdejt din id-dixxiplina sportiva?**

Minn mindu kont żgħir kelli interess fl-isport tant li kont immur regolarment ir-range tal-Bidnija ma' missieri. B'hekk bdejt nipprattika l-isport tal-isparar. Dan l-isport minn dejjem kien jogħġobni u dan għamiltu l-isport ewlieni tiegħi.

**X'ifisser għalik li ġejt magħżul Sportiv tas-Sena?**

Ħassejtni onorat ħafna li rbaħt dan l-unur li hu prestiġjuż ħafna għaliex jivvutaw fih għadd ta' ġurnalisti. Dan l-unur hu wkoll rikonoxximent għad-dedikazzjoni u l-ħidma li tkun għamilt biex wasalt biex nikseb suċċess ewlieni fl-isport li għażilt li nipprattika. Kien ta' unur kbir għalija li nirbaħ dan l-għola unur li jaspira li jirbaħ kull atleta f'xi mument tal-karriera tiegħu. Hu ta' unur ukoll għall-isport tal-isparar li nżid mal-kullana tad-diversi drabi li William Chetcuti, li wkoll ġej mill-isport tal-isparar, li rebaħ dan l-unur.

**Liema kompetizzjonijiet ewlenin irbaħt s'issa lokalment u fix-xena internazzjonali?**
Kemm ilni nipprattika dan l-isport ħadt sehem f'diversi kompetizzjonijiet kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Lokalment ipparteċipajt f'ħafna kompetizzjonijiet u rbaħt diversi Grand Prix. Irbaħt ukoll darbtejn l-All Malta Competition li hija l-akbar kompetizzjoni tal-isparar li ssir f'Malta. Kelli l-opportunita' li nibda nieħu sehem fix-xena internazzjonali f'serje ta' kompetizzjonijiet interessanti f'diversi pajjiżi. Fost dawn ħadt sehem fil-Logħob tal-Commonwealth li saru fil-Gold Coast fl-Awstralja s-sena l-oħra. Dan il-logħob hu ta' livell għoli ħafna iżda rnexxieli nikseb riżultat prestiġjuż ħafna għal Malta għax spiċċajt fuq il-podium u rbaħt il-midalja tal-bronż. Kien mument speċjali għall-karriera sportiva tiegħi s'issa. Dan is-suċċess jista' jkun il-bidu ta' karriera internazzjonali li fiha naspira li nirbaħ iżjed unuri għalija u għal Malta.



**Kif titħarreġ normalment matul il-ġimgħa?**
It-taħriġ hu wieħed impenjattiv ħafna għaliex nittrenja tlieta jew erba' darbiet fil-ġimgħa. It-taħriġ nagħmlu f'għadd ta' ranges tal-isparar madwar Malta fosthom f'dawk tal-Bidnija, Ħal-Qormi jew Birżebbugia. It-taħriġ ma jkunx biss ta' sparar iżda, u darbtejn fil-ġimgħa, nagħmel taħriġ fiżiku.




**X'pjanijiet għandek għall-futur?**
Għandi programm intensiv fuq livell internazzjonali sakemm tasal edizzjoni oħra tal-Olimpjadi 2020. Hemm sensiela ta' kompetizzjonijiet li se mmur nieħu sehem fihom barra minn xtutna. Ewlenin fosthom ikunu l-edizzjonijiet li jmiss tat-Tazza tad-Dinja u tal-Kampjonati Ewropej. Naturalment tkun ix-xewqa ta' kull atleta li jikkwalifika għall-Olimpjadi, dawk li jmiss isiru s-sena d-dieħla f'Tokjo fil-Ġappun. Din se tkun il-mira ewlenija tiegħi għax-xhur li ġejjin.



# Eleanor Bezzina

## SPORTIVA TAS-SENA







**Kif qrajtu diġà f'din l-edizzjoni, l-Isportiva Nazzjonali 2018 intgħażlet Eleanor Bezzina mill-qasam tal-isparar. Dan l-aħħar ddiskutejna magħha diversi aspetti relatati mal-karriera sportiva tagħha u xi jfisser għaliha li ntgħażlet bħala l-isportiva tas-sena mill-ġurnalisti Maltin.**

**Kif beda l-interess tiegħek fl-isport tal-isparar?**
Nista ngħid li ġara kollox b'kumbinazzjoni. Flimkien ma' xi ħbieb mort nispara f'kompetizzjoni tal-Clay Pigeon fil-ranges tal-Federazzjoni Maltija tal-Isport tal-Isparar fil-Bidnija. Hemmhekk iltqajt ma' Lawrence Darmanin (li kien il-President tal-Malta Air Rifle and Pistol Shooting Club, u li b'dispjaċir ħalliena erba' snin ilu). Hu stedinna biex nidħlu naraw l-indoor range fejn kien hemm tiraturi jitħarrġu fid-dixxiplini tal-10m Air Pistol u 10m Air Rifle. Dak iż-żmien kont nilgħab netball u waterpolo u ma kellix f'moħħi li nibda wkoll sparar imma bl-entużjażmu ta' Lawrence f'Ottubru 2009 bdejt nipprattika t-target shooting fid-dixxiplina tal-pistola, u minn dakinhar ma waqaftx u ma ħarisx lura.



## "L-isport huwa importanti ħafna f'ħajti u ma nimmaġinanix ma nipprattikax xi tip ta' sport"

**Liema kienu l-kompetizzjonijiet ewlenin mirbuħa minnek s'issa lokalment u fix-xena internazzjonali?**
Iva rbaħt il-midalja tad-deheb waqt il-kampjonati open tal-Iskozja, id-deheb ukoll fil-Welsh Open Championship, id-deheb fil-logħob tal-pajjiż-żgħar li saru fil-Lussemburgu, il-fidda fil-logħob tal-pajjiżi ż-żgħar f'San Marino u l-midalja tal-bronż fil-Grand Prix tal-Lussemburgu. Irbaħt ukoll kampjonat nazzjonali diversi drabi. Għalkemm ma ġejtx mal-ewwel 3 kien ta' sodisfazzjon kbir li nasal sal-finali (mal-ewwel tmien tiraturi) f'dawn il-kompetizzjonijiet internazzjonali ta' livell għoli. Commonwealth Games fl-Awstralja fiż-żewġ dixxiplini 10m u 25m; Logħob tal-Mediterran, il-Grand Prix ta' Franza u dik tal-Olanda.

**Kif titħarreġ normalment matul il-ġimgħa?**
Nitħarreġ 3 jew 4 darbiet fil-ġimgħa fir-range tal-bidnija f'dik li hi teknika tal-isparar (sagħtejn kull darba); u 2 jew 3 darbiet fil-ġimgħa nagħmel taħriġ fiżiku fosthom ġiri, pilates u circuit training.

**Personalment xi jfisser għalik li ġejt magħżula sportiva tas-sena?**
Inħoss li huwa rikonoxximent għall-ħidma u d-dedikazzjoni li għandi għal dan l-isport. Kif ukoll rikonoxximent għar-riżultati li rnexxieli nġib matul is-sena. L-isport huwa importanti ħafna f'ħajti u ma nimmaġinanix ma nipprattikax xi tip ta' sport. Nixtieq li kulħadd jagħmel xi attivita' sportiva (mhux bilfors kompettitiva), li tkun parti mir-rutina tal-ħajja u mhux bħala xi ħaġa extra li tagħmilha jekk forsi ssib ħin għaliha.

**Pjanijiet għall-futur.**
Xi ħaġa pożittiva ta' dan l-isport hija li m'għandux eta'. Sakemm nibqa kompettitiva nibqa nispara. Għall-futur viċin, din is-sena kkwalifikajt għal-Logħob Ewropew, hemm ukoll il-Logħob tal-Pajjiżi iż-żgħar u ħa nikkompeti fit-Tazza tad-Dinja. Il-mira prinċipali hija li nikkwalifika u nerġa mmur nikkompeti fl-Olimpjadi, din id-darba ħa jsiru ġewwa Tokjo fl-2020.

# Malta se tilgħab għas-seba' darba kontra Faroe Islands u Spanja

## Il-kowċ nazzjonali Ray Farrugia sejjaħ skwadra ta' 25 player




Lejn tmiem dan ix-xahar it-tim nazzjonali Malti se jerġa' jkun fl-azzjoni f'kompetizzjoni internazzjonali, l-Euro 2020 fejn fost it-timijiet li se nilagħbu kontrihom hemm Spanja, li d-dell tagħha baqa' jiġri warajna minkejja li għaddew bosta snin mit-telfa umiljanti ta' 12-1 ta' kważi 36 sena ilu. Se tkun is-seba' darba li Malta u Spanja se jiltaqgħu f'logħba kompetittiva u s-seba' darba wkoll li se tilgħab kontra Faroe Islands. Malta se tilgħab kontra Spanja l-eks champions tad-dinja u tal-Ewropa t-Tlieta 26 ta' Marzu tliet ijiem wara li tkun fetħet b'logħba kontra Faroe Islands is-Sibt 23 tax-xahar. Fil-grupp, Malta trid tilgħab ukoll kontra n-Norveġja, ir-Rumanija u l-Isvezja.

Kull meta Malta tiltaqa' ma' Spanja jqum dan ix-senarju li llum hu biss storja u m'hemmx lok li din it-telfa tibqa' tissemma anki jekk it-tim Spanjol hu aktar qawwi u dan bil-provi għax mill-21 ta' Diċembru 1983 sal-lum Spanja rebħet gzuz ta' unuri kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell ta' klabbs permezz ta' Real Madrid, Barcelona u Seville. Għar-rekords Malta f'Mejju tal-1983 kienet lagħbet il-logħba home kontra Spanja u quddiem 8,000 spettatur kienet tilfet biss 3-2 bil-goals ta' Malta kien skurjahom ħadd ħlief Carmel Busuttil. Apparti dawn il-logħbiet Malta wara lagħbet erba' darbiet oħra kontra Spanja u dejjem tlifna bl-aħħar logħba tkun fi Frar tal-1997u konna tlifna 4-0 fi

Ritratt: Dominic Borg




Spanja. Fit-tliet logħbiet l-oħra li konna tlifna kontra Spanja bejn Jannar tal-1989 u Diċembru tal-1996 konna tlifna 2-0, 3-0 u 4-0. Kurzita' li fit-telfa ta' 12-1 kien hemm player jismu Ray Farrugia li m'hu ħadd ħlief il-kowċ nazzjonali tal-lum. Il-goalkeeper dakinhar kien Johnnie Bonello li llum fl-iskwadra preżenti hemm ibnu Henry, goalkeeper ta' Valletta FC.

Iż-żjara ta' Spanja fostna se tkun festa kbira ta' futbol għax fost ħafna ismijiet li se jżuruna hemm dawk li naraw jilagħbu fiċ-Champions League u La Liga ismijiet bħal De Gea goalkeeper ta Man Utd, Sergio Ramos, Carbajal, Isco, Asensio kollha players ta' Real Madrid, Monreal ta' Arsenal, Busquets, Jordi Alba u Piquet ta' Barcelona u Saul, Diego Costa u Morata ta' Atletico biex ma nsemmux ukoll lil David Silva ta' Man City u d-difensur Azpilicueta u l-goalkeeper Kepa ta' Chelsea li dan l-aħħar kien involut f'polemika mingħajr preċedent mal-kowċ tiegħu Maurizio Sarri.

Kontra Faroe Islands, Malta rebħet darba biss, tilfet tliet darbiet u ġiet draw fl-aħħar logħba li ntlagħbet aktar kmieni din is-sena u ntemmet 1-1. Il-kowċ Malti sejjaħ skwadra ta' 25 player għaż-żewġ logħbiet li tinkludi erba' players oħra żgħażagħ ma' aktar players żgħar li kien inkluda qabel. Il-players ġodda li spiċċaw mill-iskwadra U-21 huma Matthew Gullaumier u Kurt Zammit ta' B'Kara, Nikolai Muscat ta' Gżira Utd u Karl Micallef ta' Ħamrun Spartans. Players neqsin mill-iskwadra għal dawn il-logħbiet huma l-goalkeeper Andrew Hogg, Jurgen Degabriele u Luke Gambin li jilgħab ma' Crawley tal-Ingilterra.

## L-iskwadra sħiħa tinkludi lil dawn il-players:

**Goalkeepers**
Henry Bonello (Valletta); Justin Haber (Gżira United ); Nicky Vella (Pietà Hotspurs).

**Difensuri**
Andrei Agius (Hibernians); Steve Borg (Valletta); Ryan Camilleri (Valletta); Jonathan Caruana (Valletta); Joseph Mbong (Hibernians); Karl Micallef (Ħamrun Spartans); Nikolai Muscat (Gżira United); Zach Muscat (SC Olhanense, Portugall); Joseph Zerafa (Valletta).

**Midfielders**
Juan Corbalan (Gżira United); Paul Fenech (Balzan), Jake Grech (Hibernians); Leighton Grech (Senglea Athletic); Matthew Guillaumier (Birkirkara); Bjorn Kristensen (Hibernians); John Mintoff (Sliema Wanderers); Rowen Muscat (Valletta); Dunstan Vella (Hibernians); Kurt Zammit (Birkirkara)

**Attakkanti**
Michael Mifsud (Birkirkara); Luke Montebello (Birkirkara); Kyrian Nwoko (Valletta).



# Kampjonat Premier

## Valletta fil-quċċata u Senglea jkomplu bir-rimonta straordinarja

Gżira Utd ikomplu jissieltu biex iżommu t-tielet post

Ritratti: Dominic Borg, Christine Borg

Iċ-champions Valletta jinsabu fil-quċċata waħidhom, żewġ punti fuq Hibernians qabel il- waqfa għal żewġ logħbiet internazzjonali tat-tim nazzj onali. Valletta ħadu vantaġġ minn draw ta' 2-2 ta' Hibernians kontra Sliema Wanderers b'rebħa mqansħa tal-Beltin fuq Mosta. Kollox jindika li l-ġlieda għat-titlu saret waħda bejn tnejn għax Gżira baqgħu jwaqqgħu l-punti tant li qed jirriskjaw li jistgħu jintlaħqu fit-tielet post. Hibernians f'dan l-aħħar xahar kellhom jgħaddu mingħajr Jurgen Degabriele li weġġa' serjament u mhux mistenni lura qabel staġun ieħor.



**Ir-riżultati mit-18 sal-20 ġurnata tal-Kampjonat Premier BOV:**

**18-IL ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Qormi v Gżira Utd | 1-4 |
| Sliema Wds v Ħamrun S | 2-1 |
| Mosta V Pieta H | 3-2 |
| Birkirkara v St. Andrew's | 2-0 |
| Balzan v Valletta | 1-2 |
| Hibernians v Tarxien R | 5-0 |
| Senglea A v Floriana | 0-1 |

**19-IL ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Gżira Utd v Senglea | 1-1 |
| Floriana v Balzan | 0-0 |
| Valletta v Pieta | 3-0 |
| St. Andrew's v Qormi | 0-2 |
| Sliema Wds v Mosta | 1-1 |
| Ħamrun S. v Hibernians | 1-1 |
| Tarxien R v Birkirkara | 0-2 |

**20-IL ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Valletta v Mosta | 1-0 |
| Floriana v Pieta H | 2-0 |
| Senglea v St. Andrew's | 5-0 |
| Gżira Utd v Balzan | 0-0 |
| Birkirkara v Ħamrun S | 0-1 |
| Qormi v Tarxien R | 1-2 |
| Hibernians v Sliema W | 2-2 |

**KLASSIFIKA SAL-20 ĠURNATA:**

Valletta 50 punt; Hibernians 48; Gżira Utd 42; Sliema Wds 38; Ħamrun S 37; Birkirkara 36; Balzan 33; Floriana 25; Mosta 22; Tarxien R 22; Senglea A 20; St. Andrew's 18; Qormi 13; Pieta H 10.



Tim li ħalla impressjoni kbira fl-ewwel xhur ta' din is-sena hu Senglea Athletics. Mill-aħħar post sa Diċembru kisbu sensiela ta' rebħiet biex wettqu rimonta straordinarja u r-rebħa ta' 5-0 fuq St. Andrew's fl-aħħar ħarġa qalathom mill-aħħar tlieta fil-klassifika. Impressjonanti kienu l-wirjiet tagħhom biex għamlu pass li staġun ieħor iżommu posthom fil-Premier. Għal St. Andrew's din kienet it-tielet telfa konsekuttiva u allura daħlu fi kriżi u issa jinsabu fil-post tal-play-off. Tim ieħor li wettaq reazzjoni mal-bidla tal-kowċ huma Mosta FC li issa għandhom 22 punt. Mark Miller daħħal mentalita' ġdida fit-tim Mosti li jidher li postu fil-Premier se jibqa'.

F'dawn l-aħħar ġimgħat spikkat ir-riżenja sorpriża tal kowċ tal Gżira Utd Darren Abdilla. Din ħabbarha wara t-telfa kontra Hibs. Bit-tim issa jmexxih Jesmond Zerafa, Gżira fl-aħħar logħba ġew draw 0-0 kontra Balzan. Huma għadhom iżommu t-tielet post erba' punti fuq Sliema Wanderers b' ħames logħbiet għal tmiem il-kampjonat. Balzan jinsabu fis-seba' post sitt punti wara Gżira u Balzan u jistgħu jitilfu posthom mill-Ewropa għalkemm għadhom fit-Trophy.

Bejn Gżira u Balzan hemm Ħamrun Spartans u Birkirkara li għandhom 37 u 36 punt, punt wara Sliema Wanderers. Birkirkara kien l-akbar diżappunt tal-kampjonat minkejja li għandhom imexxihom l-istilla tal-futbol Norveġiż John Arne Rise. Qormi u Pieta' jidhru destinati li jirritornaw fl-Ewwel Diviżjoni u dan minkejja li Qormi wettqu titjib konsiderevoli biex jissieltu r-relegation. Posthom mill-Ewwel Diviżjoni tnejn minn tliet timijiet li qatt ma kienu fil-Premier, Sirens, Gudja Utd u Sta Luċia.

Johann Pace



# Jessica Magro Butler

## Tirbaħ l-ewwel
## Ladies Demolition Derby 2019

Il-Ħadd 10 ta' Marzu 2019, l-Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi organizzat b'suċċess għall-ewwel darba Ladies Demolition Derby 2019 li għaliha pparteċipaw għaxar nisa. Din saret fi żmien Jum il-Mara. Il-Kompetituri li rreġistraw għal din l-ewwel edizzjoni kienu Carol Bowel fuq Toyota Starlet, Michaela Sammut fuq Volkswagen Polo, Francesca Schembri fuq Ford Fiesta, Panthea Butler fuq Skoda Favorit, Kayleigh Desira fuq Toyota Starlet, Mandy Farrugia Lomax fuq Skoda Favorit, Yanica Gilford fuq Kia Pride, Mary Butler fuq Skoda Favorit, Jessica Magro Butler fuq Subaru J10 u Maronnia Mallia fuq Skoda Favorit.





Dawn l-għaxar kompetituri taw esebizzjoni mill-aqwa tant li l-pubbliku preżenti beda jissapportja karozzi differenti. Wara kwazi 50 minuta ta' battalja kien għad fadal dwell bejn Magro Butler u Sammut fejn għal kważi ftit inqas min 15 -il minuta rajna lil dawn iż-żewġ karozzi (Subaru J10 u Volkswagen Polo) jagħtu daqqiet lill-magna tagħhom li ma setgħet tintefa b'xejn, Sammut, li kien għad fadlilha ftit iktar il-karozza tagħha timxi u taħdem, dan ma kienx l-istess għal Magro Butler fejn minkejja li din baqgħet timxi u taħdem kellha r-roti ta' wara weqfin għal kollox, dik li kellha tkun l-aħħar daqqa biex forsi tiddetermina min ser ikun ir-rebbieħ. Rajna dawn il-karozzi jintfew u jerġgħu jistartjaw qishom għadhom ħerġin mill-fabbrika, imma fejn is-soltu naraw l-aħħar daqqa li tiddetermina r-rebbieħ kien nar li żviluppa fil-magna ta' Sammut li wassal għal dan. Din, minħabba prekawzzjoni kellha tabbanduna l-karozza biex b'hekk Magro Butler rebħet din l-ewwel edizzjoni tal-Ladies Demolition Derby.

Il-President tal-Assoċjazzjoni qabel il-preżentazzjoni rringrazzja lill irġiel tal parteċipanti li ħadu ħsieb jippreparaw il-karozzi biex dawn l-għaxar nisa setgħu jieħdu sehem f'din id-derby. Il-President ħabbar ukoll li din ser tkun fil-kalendarju tal-ASMK bħal demolitions oħrajn u ħeġġeġ iktar nisa jipparteċipaw.

Iktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-ASMK tista tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Assoċjazzjoni www.asmk.org.mt jew mill-paġni Facebook bl-isem A.S.M.K. Malta jew Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi. Wieħed jista jagħmel kuntatt bl-email info@asmk.org.mt jew mobile 9942 5489.

# Sena Impenjattiva għall-Kumitat Olimpiku Malti

## Joe Cassar

Segretarju Ġenerali
Tal-Kumitat Olimpiku Malti

**Jispikka l-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar f'Montenegro f'sena impenjattiva għall-Kumitat Olimpiku Malti**

Kontinġent kbir ta' 130 atleta minn għaxar dixxiplini sportivi se jieħdu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li għall-ewwel darba se jsiru fil-Montenegro. Din se tkun it-18-il edizzjoni tal-Logħob li kien sar għall-ewwel darba fl-1985 f'San Marino. Malta organizzat żewġ edizzjonijiet minn dan il-Logħob fl-1993 u fl-2003 u se terġa torganizza edizzjoni oħra fl-2023.
F'intervista ma' Joe Cassar, Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Olimpiku Malti, hu qalilna wkoll li matul l-2019 atleti Maltin se jieħdu sehem f'numru ta' Logħob ieħor internazzjonali fosthom il-logħob għall-atleti żgħażagħ li jgħixu fil-gżejjer li se jsiru f'Elba u fi Piombino, il-European Youth Olympic Festival li se jsir f'Baku, il-European Games f'Minsk, il-Mediterranean Games Beach f'Patras u f'San Diego se jsiru l-ANOC World Beach Games.
Cassar qal li lokalment il-KOM se jerġa' jorganizza l-Olympic Fun Run u l-MOC Awards minbarra li enfasizza fuq il-laqgħat regolari li jsiru mal-assoċjazzjonijiet kollha tal-isport minn żmien għal żmien.




**L-2019 mistennija tkun sena impenjattiva għall-Kumitat Olimpiku Malti. Malta se tieħu sehem f'diversi kompetizzjonijiet. Tista' telabora ftit?**

Għall-Kumitat Olimpiku Malti din is-sena hija waħda impenjattiva sew, għaliex matulha se nkunu qed nieħdu sehem f'għadd ta' kompetizzjonijiet internazzjonali, kif ukoll se norganizzaw għadd ta' attivitajiet lokalment. L-aktar appuntament li jkun mistenni kull sentejn huma l-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa. Disa' pajjiżi se jieħdu sehem f'dan il-logħob bejn is-27 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju li għall-ewwel darba se jinżammu fil- Montenegro.

Malta se tkun rappreżentata b'kontinġent ta' madwar 130 atleta u uffiċjali u se nieħdu sehem tista' tgħid fid-dixxiplini kollha. Dawn huma Atletika, Għawm, Basketball, Judo. Sparar. Table Tennis, Tennis, Beach Volleyball, Volleyball u Boċċi. Il-livell ta' dan il-logħob dejjem qiegħed jogħla, specjalment issa li l-Montenegro se jieħdu sehem għall-ewwel darba b'kontinġent sħiħ u qed jilagħbu f'pajjiżhom.

Għall-atleti żgħażagħ tagħna għandna żewġ appuntamenti. L-ewwel wieħed hu l-COJI. Dawn huma logħob għall-atleti żgħażagħ li jgħixu fi gżejjer. Dawn il-gżejjer jistgħu jkunu stati bħal Malta u Ċipru jew gżira li tappartjeni għall-pajjiż fil-kontinent Ewropew.

Din is-sena il-logħob se jinżamm f'Elba u Piombino u se nieħdu sehem b'kontinġent imdaqqas kif jidher fit-tabella li ġejja. Ġeneralment dan il-logħob joffri lill-atleti tagħna l-ewwel opportunita' li jsiefru u jattendu bħala kontinġent bi sport differenti.

tkompli paġna 26

| SPORT | Atleti Irġiel | Atleti Nisa | Uffiċjali |
|---|---|---|---|
| Atletika | 5 | 5 | 2 |
| Ginnastika | - | 4 | 3 |
| Judo | 2 | 2 | 1 |
| Karate | 2 | 1 | 2 |
| Għawm | 6 | 6 | 1 |
| Table Tennis | 2 | 2 | 1 |
| Ibburdjar | 2 | 2 | 2 |
| TOTAL | 19 | 22 | 12 |

Logħob ieħor li fih se jipparteċipaw iż-żgħażagħ Maltin huma l-European Youth Olympic Festival li se jsir f'Baku bejn il-21 u s-27 ta' Lulju. Dawn huma logħob ta' livell għoli ħafna u Malta se tieħu sehem b'kontinġent żgħir ta' atleti mill-atletika u l-għawm.

Għat-tieni darba Malta se tipparteċipa fil-European Games li din is-sena se jinżammu f'Minsk bejn il-21 u t-30 ta' Ġunju. Dawn ukoll huma logħob ta' livell għoli ħafna, u Malta se tieħu sehem b'żewġ nisa fl-Isparar, Air Pistol u Trap u ċiklist.

Hemm ukoll il-Mediterranean Beach Games f'Patras bejn il-25 u l-31 ta' Awissu. F'dan il-logħob probabbilment nieħdu sehem b'timijiet tal-Beach Volley. Għall-ewwel darba se jkun hemm ukoll l-ANOC World Beach Games f'San Diego bejn it-8 u l-15 ta' Ottubru li iżda naħsibx li se jkollna xi atleti li jikkwalifikaw għalihom.

Attivitajiet lokali jinkludu l-Olympic Day Run f'Ġunju 2019, l-MOC Sports Awards f'Diċembru. Fl-Attivitajiet Sports for All se nkomplu nikkoncentraw fuq il-Basketball 3 x 3. Se nibagħtu numru ta' żgħażagħ, u għalliema għal seminars f'Olimpja. Dan minbarra laqgħat kemm f'Malta kif ukoll barra xtutna fid-diversi oqsma tal-isports u l-impenji tad-diretturi tal-Eżekuttiv.

**X'nistennew minn dan il-logħob f'dak li hu riżultati?**

Il-KOM jemmen iżjed fi preparazzjoni ħolistika għall-atleti tagħna. Aħna nipprovdu dawn is-servizzi kollha lill-atleti tagħna b'xejn. Għalhekk nemmnu li r-riżultati tajbin jistgħu u għandhom jiġu. Ovvjament ikollna bench marks, u għanijiet differenti għal atletii differenti, skont il-livell ta' kull individwu. Meta l-atleta jkun ippreparat sew jitwassal għal kompetizzjoni fl-aħjar kundizzjoni



possibbli, ir-rebħ ta' midalja ikun iżjed possibbli.

**Naf li int involut ukoll anki f'kumitati u kummissjonijiet ewropej. X'ifisser għalik dan?**

Jien personalment, nagħmel parti mill-Kummissjoni tal-European Youth Olympic Festival tal-EOC, u bħalissa qiegħed Chairman tal-Co-ordination Commission għal EYOF 2021 li se jsiru f'Kosice. Ix-xogħol prinċipali tiegħi jkun li nagħti pariri u ngħin lill-Kumitat Organizzattiv biex jorganizza logħob ta' kwalità, lill-atleti żgħażagħ Ewropej, u nkun link bejn il-kumitat organizzattiv u l-50 Kumitat Olimpiku tal-pajjiżi ewropej.

**Kif qed jiġu mħarrġin l-atleti tagħna u x'ħidma qegħda ssir mal-assoċjazzjonijiet?**

Il-KOM jiltaqa' kontinwament mal-assoċjazzjonijiet. Kemm bħala kollettivita' fejn niltaqgħu għall-inqas darbtejn fis-sena għal-laqgħat tal-kunsill, kif ukoll ma' gruppi jew individwalment ma' dawk l-assoċjazzjonijiet speċifiċi li jkun se jipparteċipaw f'logħob speċifiku. Ma' dawn infasslu pjani ta' preparazzjoni ta' taħriġ u kompetizzjoniiet kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, kif ukoll nagħtuhom il-fondi biex ikunu jistgħu jwettqu dawn il-programmi. Ovvjament, minn żmien għal żmien aħna nimmonitorjaw il-progress tagħhom ukoll, kemm permezz tal-laboratorju speċjalizzat li għandna kif ukoll minn testijiet mit-tobba mediċi tal-KOM.

**L-appell tiegħek lill-uffiċjali u lill-atleti Maltin.**

Nappella lil kull min jieħu sehem fl-isport kemm bħala atleta kif ukoll bħala uffiċjal, li jieħdu l-affarijiet bis-serjeta', b'impenn kif ukoll b'passjoni. Għalkemm aħna volontarji, mhux aċċettabli li ninħbew wara din it-tarka. Jekk ħa tidħol għal xi ħaġa, idħol b'ġismek, ruħek u qalbek. Din nemmen li hi t-triq għas-suċċess.

# Ut De Dompierre

## jirbaħ finali eċċitanti f'ħin impressjonanti



Misjuq minn Michael Ellul, il-Franċiż Ut De Dompierre rebaħ it-tiġrija ewlenija li saret il-Ħadd 3 ta' Marzu fil-Marsa. Din kienet il-Gran Finali għall-aqwa żwiemel tal-klassi Premier fl-okkażjoni tal-150 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Malta Racing Club. Din il-Gran Finali għamlet parti mit-tmien laqgħa tas-sena fuq tnax -il tiġrija kollha għal żwiemel tat-trott.

Disgħa kienu ż-żwiemel li ħadu sehem fil-Gran Finali Premier. Lajos Cella (Redent Magro) kienet l-aktar veloċi wara l-karozza tat-tluq u wara ftit metri fetħet vantaġġ żgħir minn Ut De Dompierre (Michael Ellul) u Ultra De Vindecy (Clifferty Calleja). Madankollu, it-tiġrija ħadet svolta oħra 400m mil-linja finali meta Lajos Cella bdiet tnaqqas mill-pass. Dlonk inqabżet minn Ut De Dompierre (Michael Ellul) li baqa' sejjer biex jieħu l-ewwel rebħa staġjonali bi ftit minn Ugo Des Jacquots (Mario Fenech) u I Won't Dance (Clint Vassallo). Lajos Cella kellha tikkuntenta bir-raba' pożizzjoni b'Ultra De Vindecy (Clifferty Calleja), li ġej mill-istess stalel tar-rebbieħ itemm fil-ħames pożizzjoni.

Fi tmiem il-finali, Denise Bonello, f'isem l-isponsors, Espresso, ippreżentat it-trofew lil Alfred u Stephen Ciangura, sidien taż-żiemel u Michael Ellul is-sewwieq. Dan fil-preżenza ta' Edwin Borg, Chairman tal-Malta Racing Club. Intant ir-rebbieħ kellu medja mpressjonanti ta' 1.13.3" fil-kilometru.

Mitlub jikkummenta minn Sportiv dwar dan is-suċċess, is-sewwieq Michael Ellul qal li kien vera impressjonat mhux biss bir-rebħa ta' Ut De Dompierre iżda fuq kollox bil-ħin li rnexxilu jirreġistra f'din il-Gran Finali. "F'din l-okkażjoni ż-żiemel wera biċ-ċara li kapaċi jħabbatha sew kemm meta jmur quddiem sa mill-bidu nett u anki meta nħallih jattakka fl-aħħar. Nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtuni l-għajnuna tagħhom matul il-ġimgħa. Ħajr speċjali jmur lejn sid iż-żiemel Stephen Ciangura li wera fiduċja fija sa mill-bidu nett," ikkummenta Michael Ellul.

Ut De Dompierre għandu ħdax -il sena u jiġi iben l-istaljun Franċiż Prince d'Espace u d-debba Maggie De Dompierre. Sa din il-finali kien ġera fi tnax -il tiġrija fejn rebaħ sebgħa minnhom. Fid-29 ta' Lulju li għadda kien anki rebaħ il-finali tal-kampjonat Sajfi u fl-10 ta' Ġunju kien temm rebbieħ fil-finali tal-Prix De Vincennes għal żwiemel Franċiżi mill-aqwa klassi. Dan ifisser li sal-lum dan iż-żiemel rebaħ tliet finali ewlenin f'temp ta' ftit xhur biss.

*Ritratti Trevor Sollars*

# San Ġiljan Tum Invest

## rebbieħa għal darba oħra tat-Tazza Enemed



**Għat-tieni sena nfila, San Ġiljan TUM Invest rebħu t-Tazza Enemed wara rebħa kumbattuta ta' 8-5 fuq Sirens. San Ġiljan kienu għaddew għall-finali wara li għelbu lil Sliema filwaqt li Sirens kienu għelbu lil Neptunes. Kienet l-esperjenza u l-motivazzjoni tal-plejers ta' San Ġiljan li waslet għal dan l-unur. Wara li l-ewwel sessjoni kienet bilanċjata, Sirens irnexxielhom imorru 3-1 minn fuq b'gowl mill-viċin ta' Edward Aquilina u xutt minn pożizzjoni ċentrali ta' Isaiah Riolo. Madankollu gowls minn Dino u Matthew Zammit sa tmiem it-tieni sessjoni reġgħu poġġew lil San Ġiljan fil-logħba. Fit-tielet sessjoni San Ġiljan marru fil-vantaġġ b'Paul Fava u Matthew Zammit minn penalty iwieġbu għal penalty ta' Edward Aquilina aktar qabel. L-istess Aquilina tkeċċa lejn nofs it-tielet sessjoni minħabba xi rimarki li għadda.**

F'din is-sessjoni mar tajjeb il-gowlkiper ta' Sirens Nicky Grixti li salva darbtejn fl-istess azzjoni xutt wiċċ imb wiċċ ma' Ben Plumpton. Wara li tkeċċa Aquilina, hu salva l-penalty ta' Dino Zammit filwaqt li lejn tmiem it-tielet sessjoni salva tajjeb xutt b'saħħtu ta' Matthew Zammit. Il-gowl tal-captain Ġiljaniż fil-bidu tal-aħħar sessjoni poġġa lil Sirens f'sitwazzjoni li kellhom jirsistu għar-rebħa aħħarija. Luke Caruana ħalla lit-tim ta' Sasko Popovski jittama iżda l-gowl ta' Ben Plumpton madwar żewġ minuti ġab fi tmiemhom it-tamiet tal-avversarji. Matthew Zammit issiġilla r-rebħa fl-aħħar sekondi. Fi tmiem il-partita, il-President tal-ASA Joe Caruana Curran assistit mill-Viċi President Karl Galea ppreżenta t-trofew lil Matthew Zammit.

Fil-logħba l-oħra, fil-Pixxina Nazzjonali, Neptunes Leo Vegas kisbu t-tielet post b'rebħa meritata fuq Sliema Frank Salt 14-8 . Determinanti għalihom kienet il-wirja tagħhom fit-tieni sessjoni hekk kif mhux biss irnexxielhom imorru minn fuq iżda bnew vantaġġ komdu li qatt ma tilfuh.

## Statistika

**SIRENS GREENTUBE .................................... 5**
**SAN ĠILJAN TUM INVEST ............................ 8**

(1-1), (2-2), (1-2), (1-3)

Sirens: N. Grixti, J. Ciantar, E. Aquilina (2), P. Privitera, M. Grech, G. Farrugia, J. Zerafa Gregory, I. Riolo (1), J. Napier, L. Falzon, L. Caruana (1), M. Sciberras (1), G. Galea Curmi

San Ġiljan: J. Tanti, D. Ciantar, A. Galea, B. Grech, K. Dowling, M. Zammit (4), B. Plumpton (2), C. Farrugia, T. Said, Da. Zammit, P. Fava (1), Di. Zammit (1), T. Micallef

Referees: Massimo Angileri, Ronnie Spiteri

# Jitkomplew it-Tiġrijiet taż-Żwiemel



**It-tiġrijiet taż-żwiemel f'Għawdex issoktaw fejn minn Jannar li għadda dawn bdew ikunu organizzati mill-Gozo Sports Board fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.**

Matul dawn l-aħħar ġimgħat saru tliet programmi li raw żieda konsiderevoli ta' żwiemel miktuba. Fl-ewwel wieħed tas-Sibt 26 ta' Jannar 2019, saru ħdax -il tiġrija fejn fl-ewwel waħda, dik tax-Shetland tat-trott fuq distanza ta' 250m, ħarġet rebbieħa Maya Vella fuq Ella. Wara saru żewġ tiġrijiet tax-Shetland tal-Lbit fuq distanza ta' 250m li spiċċaw mirbuħa minn Tristan Axiaq fuq Driller u Matthias Saliba fuq Fire Girl. Wara saru tliet tiġrijiet tal-Ponijiet fejn dik fuq distanza ta' 400m intrebħet minn Debbie (Joseph Vella), filwaqt li Joe Portelli fuq Cassedy rebaħ it-tiġrija fuq distanza ta' 600m u Joseph Attard fuq Vanessa rebaħ dik tat-800m. Janot Sciberras fuq Pharlap rebaħ is-seba' tiġrija dik tal-galopp fuq distanza ta' 1200m. Fl-aħħar saru erba' tiġrijiet tat-Trott fuq distanzi ta' 2600 metru. Dik tal Premier/Gold intrebħet minn Spider Domain (Carmel Debono). Wara spiċċaw Cuba Cohiba (Mario Spiteri) u Utal Des Landes (John Vella). F' tat-trott Silver ħareġ rebbieħ Valberg Snob misjuq minn Mario Spiteri, segwit minn Royal Mic (Marvic Said) u Don't Look Down (Joseph Mercieca). F'dik tal-Bronze ħareġ rebbieħ Tzar Bocaine (Salvu Vella) quddiem Ubu de la Brosse (Luke Vella) u Quovario (Josef Farrugia). Fl-aħħar waħda riservata għal Klassi Copper, ħareġ rebbieħ Mad Image (John Xuereb), segwit minn Calinca Wind (Joe Cauchi) u Celebrity Photo (Nicholas Cauchi).

Il-programm li nżamm filgħodu l-Ħadd 10 ta' Frar, beda b'erba' tiġrijiet tat-Trott fuq distanzi ta' 2100m. F'dik tal-Premier/Gold spiċċa fuq quddiem Upper Cut Du Cal misjuq minn Marco Debono. Warajh spiċċaw Ultimo Amore (Omar Cauchi) u Valberg Snob (Mario Spiteri). Tal-Copper intrebħet minn Ubu de la Brosse (Luke Vella), segwit minn







Calinca Wind (Omar Cauchi) u Quovario (Josef Farrugia). Black Dream misjuq minn Mark Bonnici rebaħ dik tas-Silver, quddiem Andu du Pac (Claudio Refalo) u Don't Look Down (Joseph Mercieca). Dik tal-Bronze ntrebħet mid-debba Beauty Run misjuqa minn Joe Portelli, segwita minn Bolero De Viviens (Omar Cauchi) u Atractive (Joseph Cefai). It-tiġrija ta' wara tax-Shetland tat-trott intrebħet minn Blacky (Michael Xuereb), filwaqt li f'dawk ta' wara tax-Shetland tal-lbit intrebħu minn City (Tyron Garzia) u Hot And Famous (Tristan Axiaq). It-tiġrijiet tal-ponijiet intrebħu minn Aussie Boy (Dylan Saliba), Fire Mouth (Jonathan Debono) u Shangai (Rodney Farrugia) L-aħħar tiġrija tal-galopp fuq 1200m intrebħet minn Pharlap misjuq minn Janot Sciberras.

Bil-programm tal-Ħadd 24 ta' Frar 2019 jitħassar minħabba l-maltemp, programm ieħor inżamm is-Sibt 2 ta' Marzu fejn saru disa' tiġrijiet. Il-programm beda b'waħda tax-Shetland tat-trott li ntrebħet minn Clyde Sultana fuq Lilly. Imbagħad tas-Shetland tal-lbit intrebħet minn Hot and Famous (Tristan Axiaq). Wara saru żewġ tiġrijiet tal-ponijiet bl-ewwel waħda fuq distanza ta' 600m intrebħet minn Dylan Saliba b'Red Diamond, filwaqt li dik fuq distanza ta' 800m intrebħet minn Shangai misjuq minn Rodney Farrugia u Marvic Bugeja fuq il-ponija Tiara rebaħ it-tiġrija tal-galopp fuq distanza ta' 1200m. L-aħħar erba' tiġrijiet kienu dawk tat-Trott fuq distanza ta' 2100m. Dik Copper intrebħet minn Akemi misjuq minn Claudio Refalo. Warajh daħlu Quovario (Josef Farrugia) u Duc De Montils (Josmar Saliba). F'dik Silver, fuq deċiżjoni tal-ġurija nqaleb ir-riżultat minħabba interferenza fl-aħħar 200m u għalhekk kien iddikjarat rebbieħ Marco Debono fuq Royal Entertainer. It-tieni post ingħata lil Tony Cauchi fuq Ave Ceaser, filwaqt li t-tielet spicca Salvu Vella b''Tzar Bocaine. Dik tal-Bronze nrebħet minn Luke Vella fuq Ubo De La Brosse. Warajh daħlu Mad Image (John Xuereb) u Atractive (Joseph Cefai). L-aħħar tiġrija dik tal-Gold/Premier bis-sehem ta' għaxar żwiemel intrebħet minn John Paul Cauchi b'Voici De Lahaye. Huwa kien segwit minn Marco Debono b'Upper Cut Du Cel u Omar Cauchi fuq Ultimo Amore.



# Riżultati Sodisfaċenti Fil-Kampjonati Ewropej

Għal darba oħra t-timijiet Maltin tal-Pool kisbu riżultati sodisfaċenti fil-kampjonati Ewropej li din is-sena ntlagħbu ġewwa Killarney l-Irlanda. Il-Malta Pool Association bagħtet erba' timijiet jirrappreżentaw lil pajjiżna fil-kategoriji ta' l-Irġiel, Under 18's, Under 23's u Over 50's. It-tim Malti ta' l-irġiel kiseb riżultat prestiġjuż meta tilef biss fil-finali tal-kategorija. Fl-istadju tal-gruppi t-tim Malti għeleb lill-Irlanda ta' Fuq 10-5, lill-Irlanda 10-5, Cipru 11-4, Belgju 10-5, Wales 8-7, Skozja 10-5 u Portugal 13-2 filwaqt li sofra żewġ telfiet kontra Franza 6-9 u kontra l-Ingilterra 3-12. Fi tmiem tal-logħob tal-gruppi Malta spiċċat fit-tieni post u kkwalifat għas-semi finali kontra t-tim nazzjonali Franċiż.





Il-players Maltin ħarġu b' determinazzjoni kbira biex ipattu għat-telfa kontra l-istess tim Franċiż. F' logħba mill-aktar eċċitanti kien il-frame deċisiv mirbuħ minn Anton Cuschieri li ta r-rebħa lit-tim Malti bl-iskor ta' 8-7 u b' hekk kiseb post fil-finali kontra t-tim qawwi Ingliż. Fil-finali l-players Ingliżi kellhom ftuħ brillanti meta fetħu vantaġġ ta' 4-0 u 6-1 u ma ħallew l-ebda okkażjoni lill-players Maltin biex jirkupraw bl-iskor finali jkun dak ta' 8-3 favur it-tim Ingliż. It-tim Malti, li kien immexxi minn Carmel Cilia, nkluda lil Anton Cuschieri, Mario Cutajar, Christ Tabone, Dylan Cassar, Kevin Mercieca u Miguel Falzon.

Iż-żgħażagħ Maltin ta' taħt it-tlieta u għoxrin sena kienu qegħdin jiddefendu t-titlu mirbuħ is-sena l-oħra fl-istess kampjonati li saru ġewwa pajjizna. Fil-fażi tal-gruppi t-tim Malti kiseb ħames rebħiet ta' 9-0 kontra l-Irlanda C, 6-3 kontra l-Ingilterra B, 6-3 kontra l-irlanda ta' Fuq, 7-2 kontra Franza u 5-4 kontra l-Irlanda B filwaqt li sofra żewġ telfiet ta' 5-4 kontra t-timijiet ta' l-Ingilterra A u l-Irlanda A biex b' hekk spiċċa fit-tieni post u kkwalifika għas-semi finali. Fis-semi finali t-tim Malti ltaqa' kontra ż-żgħażagħ ta' l-Irlanda ta' Fuq b' dawn ta' l-aħħar ma jagħtu l-ebda ċans lit-tim Malti u joħorġu rebbieħa bl-iskor ta' 5-0. Fil-finali t-tim ta' l-Irlanda ta' Fuq għeleb liż-żgħażagħ Ingliżi bl-iskor ta' 5-4. It-tim Malti kien kompost minn Scott Muscat, Dejan Grech, Ryan Pisani u Ryan Falzon filwaqt li kien immexxi minn Jason Agius.

It-tim Malti ta' l-Over 50's ukoll kiseb post fis-semi finali. Fil-fażi tal-gruppi t-tim Malti kiseb rebħiet kontra Skozja C 13-2, Belġju B 15-0, Franza B 12-3, Irlanda B 11-4, Irlanda ta' Fuq B 9-6, Irlanda A 12-3, Franza A 8-7, Belgju A 13-2, Skozja B 8-7 filwaqt li sofra telfiet kontra l-Ingilterra 5-10, l-Irlanda ta' Fuq A 7-8 u Skozja A 7-8. Grazzi għal dawn ir-riżultati t-tim Malti spiċċa fit-tielet post u kkwalifika għas-semi finali kontra t-tim nazzjonali Ingliz. Fl-logħba mill-aktar missielta u eccitanti t-tim Malti kien pass bogħod milli jiksbeb post fil-finali però sfortunatament tilef il-frame deċisiv u ta rebħa ta' 7-8 lit-tim nazzjonali Ingliż li wara safa megħlub fil-finali mit-tim ta' l-Irlanda A. It-tim Malti kien kompost mill-captain Brian Grech, Christ Mills, Marcel Micallef, Manuel Mallia, Alfred Attard u Tonio Mifsud.

It-tim Malti B ta' l-Irġiel B u ż-żgħażagħ Maltin ta' taħt it-tmintax - il sena kisbu rizultati sodisfacenti wkoll però ma rnexxilhomx jikkwalifikaw għas-semi finali.

Fil-kampjonati individwali Scott Muscat rebaħ il-kategorija taż-żgħażagħ ta' taħt it-tmintax-il sena filwaqt li Christ Tabone rnexxilu jasal sal-kwarti tal-finali tal-kampjonati Open ta' l-irġiel. Christ Mills rebaħ l-unur tal-Best Player of the Tournament fil-kategorija Over 50's.




# Scott Muscat

"Is-suċċessi li ksibt matul is-snin huma frott tal-ħidma kontinwa u l-aspirazzjonijiet tiegħi"

**Ċertament wieħed mill-players rivelazzjoni fil-qasam tal-pool lokali huwa ż-żgħażugħ Scott Muscat. Dan l-aħħar Muscat għamel unur kemm għalih u anki għal pajjiżna meta sar ukoll champion Ewropew fil-kategorija tiegħu. Sportiv iltaqa dan l-aħħar ma' Muscat u tlabnih il-kummenti tiegħu.**

**Kif beda l-interess tiegħek fil-Pool ?**
Minn meta kont żgħir dejjem kienet togħġobni l-logħba tal-Pool. Bdejt nilgħab fl-età ta' seba' snin ġewwa raħal twelidi, iż-Żejtun u pparteċipajt fil-kompetizzjonijiet tal-Malta Pool Association fil-kategorija taż-żgħażagħ ta' taħt it-tmintax -il sena. Ta' disa snin ġejt magħżul biex nilgħab fit-tim nazzjonali tal-kategorija fejn ksibt l-ewwel esperjenza barra minn Malta.

**Liema kienu l-unuri ewlenin li rbaħt s'issa f'pajjiżna?**
L-ewwel unur f' pajjiżna kien meta rbaħt ranking tournament tal-Under 18's. Minn hemm komplejt nittrenja u rbaħt diversi unuri fl-istess kategorija. Unur u diżappunt fl-istess ħin huwa l-fatt li wasalt sal-finali tal-kampjonati Ewropej u anki dawk mondjali ta' din l-istess kategorija imma x-xorti ma dahqitliex. Meta qlibt għall-kategorija taħt it-23 l-ewwel sena kienet diffiċli però fit-tieni sena kkwalifikajt fit-tim nazzjonali. F' din il-kategorija għamilt passi kbar il-quddiem. Tgħallimt hafna minn diversi players. Irbaħt il-kampjonati Ewropej tat-timijiet tliet darbiet u issa sirt champion Ewropew individwali tal-kategorija. F' Malta rbaħt ukoll darbtejn il-kampjonati nazzjonali 'Open' u dan serva biex aktar inkoraġġini biex inkompli nilgħab u nitħarreġ bis-serjeta'.



**Dan l-ahhar irbaħt il-kampjonat Ewropew taħt it-23 fl-Irlanda. X'ifisser għalik dan is-suċċess u kemm kontu parteċipanti ?**
Ma hija faċli xejn li tasal għal dan it-tragward. Jien naħdem bħal bosta sportivi Maltin u l-ħin li wieħed jiddedika għall-isport huwa qasir komparat ma' x' jagħmlu players professjonali barranin. Pero' l-qalb tagħna l-Maltin hija kbira u s-suċċessi li ksibna matul is-snin huwa frott tal-ħidma kontinwa u l-aspirazzjonijiet tagħna. Wara dan kollu hemm il-Malta Pool Association li hija l-pjuniera ta' dan l-Isport f' pajjiżna u sena wara sena tagħti opportunitajiet lil numru kbir ta' players biex jipparteċipaw f' livell internazzjonali u jottjenu esperjenza mpekkabli li tgħin ħafna biex il-players ikomplu jkabbru t-talenti tagħhom. Matul il-kompetizzjoni individwali ġewwa l-Irlanda fl-ewwel logħba ltqajt kontra Mathieu Durand ta' Franza. Wara li kont 3-0 minn taħt rrispondejt tajjeb ħafna u rbaħt ħames frames konsekuttivi li tawni l-ewwel rebħa. Fit-tieni logħba lgħabt kontra Franċiż ieħor Quentin Durand u ksibt rebħa kbira ta' 5-0. Fil-kwarti tal-finali kelli logħba diffiċli kontra player stabbilit Irlandiż, Jordan Synott u ħriġt rebbieħ bl-iskor ta' 5-4. Fis-semi finali għelibt lil Macauley Gunn ta' l-Ingilterra bl-iskor ta' 6-3 u fil-finali kelli l-oppożizzjoni ta' Cormac Kerr mill-Irlanda. Fil-finali ftaħt vantaġġ ta' 6-2 pero' minħabba t-tensjoni li kelli ma rnexxilie x nagħlaq qabel u l-avversarju rkupra u ġab l-iskor 6-5. Hawnhekk tkellimt miegħi nnifsi fejn għid li dan huwa ċ-ċans tiegħi biex nirbaħ dan l-unur u b' determinazzjoni kbira ħriġt fuq il-mejda u għamilt clearance stupenda.

**Kif titħarreġ matul il-ġimgħa?**
Il-ħin tat-taħriġ huwa limitat peress li naħdem ħin twil. Pero' dejjem nagħmel l-aħjar tiegħi biex nilgħab kważi kuljum kemm f' kompetizzjonijiet lokali ta' l-assoċjazzjoni kif ukoll taħriġ ma' sħabi tat-tim tiegħi ta' Brooklyn Bar.

**Pjanijiet għall-futur u ringrazzjamenti.**
Issa jmiss li nieħdu sehem fil-kampjonati mondjali ġewwa Blackpool, l-Ingilterra, li ser isiru f' Ġunju li ġej. Hawnhekk ser nilgħab fil-kampjonati individwali u mat-Tim Nazzjonali Malti tal-kategorija tiegħi taħt it-23 kif ukoll nipparteċipa fil-kampjonati individwali Open u tournament prestiġjuż ieħor tal-World Masters. Is-sena d-dieħla l-assoċjazzjoni ser torganizza l-kampjonati Ewropej ġewwa pajjiżna fi Frar u dan ikun avveniment speċjali għall-players Maltin kollha. Bla dubju ta' xejn nixtieq nirringrazzja lill-kumitat tal-Malta Pool Association, speċjalment lil Vincent Degiorgio u Carmel Cilia, tal-ħidma kbira u tas-serjetà li biha jmexxu l-għaqda li ġiet imwaqqfa minnhom stess 30 sena ilu, u ta' l-opportunitajiet li joffru lill-players lokali. Kieku ma kienx għal din l-għaqda, kieku l-pool ġewwa Malta ma kienx jilħaq il-livelli mondjali u suċċessi kbar li ksibna matul is-snin. Ringrazzjament speċjali jmur għall-familja tiegħi tal-paċenzja u s-support li jagħtuni b' mod specjali missieri u t-tfajla tiegħi li kważi ta' kuljum ikunu miegħi fil-kompetizzjonijiet lokali.

# Il-Ħidma tal-UE fis-Settur Sportiv

Madwar l-Unjoni Ewropea (UE), ħafna nies ma jagħmlux eżerċizzju frekwenti. Dan jikkonfermawh studji riċenti mill-Kummissjoni Ewropea li juru li bħala medja, in-numru ta' persuni fl-UE li ma jagħmlu l-ebda tip ta' eżerċizzju żdied minn 42% (2014) għal 46% (2017, l-aktar studju riċenti). Fl-UE28, wieħed mill-aktar fatturi li jirrappreżenta ostaklu għall-eżerċizzju hu n-nuqqas ta' ħin (40%).



Madankollu, b'kollox kien hemm sitt pajjiżi li raw żieda pożittiva fl-ammont ta' ċittadini li qalu li jagħmlu eżerċizzju fiżiku jew jipprattikaw xi sport, fosthom Malta. Minkejja dan, ir-rata ta' nies li ma jagħmlux l-ebda forma ta' eżerċizzju f'Malta għadha waħda għolja.

67% tal-irġiel u 73% tan-nisa li jgħixu Malta u li ħadu sehem fl-istħarriġ stqarrew li ma jagħmlux eżerċizzju u ma jieħdu sehem fl-ebda sport. Fiż-żewġ każijiet, dawn il-persentaġġi huma ferm ikbar minn dik tal-medja fl-UE28 (56% għall-irġiel u 64% għan-nisa). Mistoqsijin jekk jagħmlux xi forma ta' eżerċizzju fiżiku barra mill-ambitu sportiv, il-maġġoranza assoluta tan-nies f'Malta rrispondew fin-negattiv (83% għall-irġiel u 85% għan-nisa).

Ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ għandhom iservu mhux biss biex inkunu nafu fejn qegħdin fis-settur sportiv u tas-saħħa, iżda biex tittieħed azzjoni.




Il-Kummissjoni Ewropea għamlet propju dan, meta fi Frar li għadda stqarret li se ssaħħaħ il-koperazzjoni interna dwar il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja iktar attivi. Il-Kummissjoni dan diġà bdiet tagħmlu billi għaqdiet grupp ta' esperti li se jiffoka fuq il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa. Tajjeb ngħidu li din l-inizjattiva hi direttament influwenzata mis-sejħa ta' Tartu (imsemmija għall-belt fejn ġiet iffirmata). Is-sejħa ta' Tartu għal stil ta' ħajja b'saħħtu, tistabbilixxi pjan għall-promozzjoni ta' stili ta' ħajja b'saħħithom fl-Ewropa, partikolarment fost it-tfal. L-għan tas-sejħa hu li tinkoraġġixxi approċ aktar konsistenti u effettiv madwar l-Ewropa lejn il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja b'saħħithom, billi tuża l-inizjattivi u l-finanzjament tal-UE fejn disponibbli.

Il-ħidma tal-UE fejn jidħol is-settur sportiv tinkludi wkoll diversi laqgħat fejn ikunu diskussi aspetti varjati tal-qasam. Riċentament, il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) organizzaw l-Isport Info Day 2019 fil-5 ta' Frar 2019. Dan l-avveniment attira numru rekord ta' parteċipanti - madwar 650.

Fl-intervent tiegħu, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il Kultura, Iż Żgħażagħ u l Isport Tibor Navracsics saħaq dwar l-importanza tal-programmi sportivi tal-Erasmus+ u l-impatt li l-proġetti jħallu fis-soċjetà Ewropea. Fil-fatt, minbarra li ħafna mill-proġetti jinkoraġġixxu stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, huma jippromwovu wkoll attivitajiet volontarji fl-isport, l-inklużjoni soċjali, opportunitajiet indaqs, u għarfien tal-importanza ta' attività fiżika.

Bħalissa hemm diversi opportunitajiet miftuħin taħt il-kappa tal-Erasmus+ Sport għal organizzazzjonijiet interessati li jesploraw l-opportunità li japplikaw għal fondi biex iwettqu proġetti simili. Bosta mill-applikazzjonijiet jagħlqu fl-4 ta' April 2019. Għalhekk, organizzazzjonijiet sportivi li huma interessati fl-Erasmus+ jistgħu jsaqsu għall-assistenza bla ħlas tal-MEUSAC billi jċemplu fuq 2200 3300, jew billi jibagħtu email lil info.meusac@gov.mt




# “Bil-Qari u l-Kitba Niskorja”

## Ċelebrazzjoni fl-Istadium Nazzjonali Ta’ Qali

Nhar il-Ġimgħa 15 ta’ Frar 2019, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu b’kollaborazzjoni mal-Malta Football Association organizzat ċelebrazzjoni ġewwa fl-Istadium Nazzjonali Ta’ Qali fl-okkażjoni ta’ tmiem ir-raba’ ċiklu tal-programm ‘Bil-Qari u l-Kitba Niskorja/ Footballers’ Read and Write Programme’. L-istudenti li jattendu l-iskejjel primarji ta’ Birkirkara, Ħal Qormi San Bastjan, il-Birgu, il-Marsa, Ħal Safi, San Ġwann, il-Kalkara, ix-Xewkija u ż-Żejtun kienu l-protagonisti ta’ din iċ-ċelebrazzjoni. Din l-attività saret bħala inċentiv lill-istudenti biex ikomplu jagħmlu ħilithom u bħala turija ta’ apprezzament lil-leaders u l-iskejjel tax-xogħol siewi u l-impenn li ħadu biex il-programm kien suċċess.

Is-Sur Peter Busuttil mexxa l-mawra informattiva madwar l-istadium. Hu wera u spjega fid-dettall il-partijiet ewlenin u interessanti tal-istadium. Il-mawra ssoktat fid-dressing room tat-tim nazzjonali Malti. Din il kamra xehdet id-dixxiplina li jrid ikollok fil-logħba tal-ballun. L-entużjażmu tat-tfal ma naqasx. Kienu tassew ferħana u eċċitati b'dak li kienu qed jaraw quddiem għajnejhom. Poġġew fuq il-bankijiet tad-dressing room u raw il-gear li jilbes kull plejer tan-nazzjonal waqt il-logħob uffiċjali. L-istudenti kellhom ukoll iċ-ċans isaqsu xi mistoqsijiet lill-goalkeeper nazzjonali Andrew Hogg dwar mumenti speċjali fil-karriera tiegħu u l-ħajja sportiva tiegħu. Minn hemm, it-tfal marru fil-kamra tal-intervisti sportivi fejn il-plejers jagħtu l-kummenti tagħhom wara l-logħob tal-Premier League u l-partiti tan-nazzjonal.

L-eċċitament laħaq il-qofol tiegħu meta t-tfal għaddew minn ġot-tunnel u ħarġu fil-grawnd fejn jintlagħbu l-partiti uffiċjali u logħob ieħor importanti mill-iskeda kalċistika. It-tfal ħassewhom donnhom huma stess il-plejers li għada pitgħada għad jgħaddu minn dan it-tunnel qabel xi logħba internazzjonali. Il-ħolma ta' kull tifel u tifla hija li xi darba jirrappreżentaw lil pajjiżhom. Wara dawn il-mumenti sbieħ, it-tfal żaru t-Trophies Lounge. Imbagħad wara dan it-tour mal-istadium, it-tfal ipparteċipaw f'turnament tal-football fil-Grawnd taċ-Ċentinarju. It-turnament ġie organizzat mill-isports leaders tal-Aġenzija bil-kollaborazzjoni tal-MFA u l-iskejjel.

Fl-aħħar tal-attività, is-Sur David Muscat (il-kap tal-Aġenzija) qassam ballun żgħir, ktieb u ċertifikat ta' parteċipazzjoni bħala tifkira mhux biss tal-okkażjoni imma wkoll tal-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja".







Maria Vella Galea

# Rudolph AGIUS

## jikkwalifika għall-Kampjonati tad-Dinja.









Is-Sibt 9 ta' Marzu, it-Triatleta ta' Birkirkara St. Joseph Sports Club Rudolph Agius spiċċa fit-tielet post, fil-grupp tal-eta' tiegħu, fit-tellieqa tal-Ironman 70.3 ġewwa Oman. Agius spiċċa t-tellieqa f'erba' siegħat, tmienja u għoxrin minuta u tlieta u għoxrin sekonda biex spiċċa fit-tielet post fost 118 triatleti fil-grupp tal-eta tiegħu u fil-ħmistax -il post minn 577 parteċipant.

L-atleta tal-klabb Karkariż spiċċa l-għawma ta' 1.9 kilometru fil-port tal-belt ta' Oman, f'ħin ta' 30 minuta u 8 sekondi u b'hekk stabilixxa ruħu fit-tielet post tal-grupp tiegħu. Fit-taqsima tar-rota, li kienet tikkonsisti f'rotta ta' 90 kilometru u li spiċċa f'ħin ta' sagħtejn, sebgħa u għoxrin minuta u erbgħa u hamsin sekonda, Agius tilef it-tielet post li kiseb fil-bidu tat-taqsima iżda Agius ta prestazzjoni qawwija fin-nofs maratona li fiha rreġistra ħin ta' siegħa, 25 minuta u 34 sekonda. B'dan il-ħin Agius reġa kiseb it-tielet post. B'dan ir-riżultat, Agius kiseb post fit-tellieqa prestiġjuża tal-kampjonati tad-Dinja tal Ironman 70.3 li se jsiru ġewwa Nizza, fi Franza fit-tletin ta' Ġunju ta' din is-sena.



# Tellieqa mimlija azzjoni f'Ħaż-Żebbuġ

It-tellieqa tal-Mosta AF Sign Studio Cycling Club li saret fuq il-By Pass ta' Ħaż-Żebbuġ kienet mimlija azzjoni, b'kwazi 100 ċiklist jiħdu sehem f'10 kategoriji differenti. It-tellieqa kienet mimlija sprints, b'ħafna mir-rebħiet ġew deċiżi b'distakk ta' inqas minn sekonda. Kif kien mistenni, il-Kategorija Elite wriet azzjoni tajba fuq rotta mifruxa fuq 100km u mqassma f'22 dawra. F'nofs il-korsa William Hili (Mosta AF Sign Studio), Jason Vella (Agones SFC) u Clive Ebejer (Team Greens) stabbilixxew il-pass u fetħu distakk mit-tieni grupp. Sussegwentement, mat-trio ngħaqad Maurice Formosa (The Cyclist) u flimkien ħadmu biex jibqgħu fuq quddiem. Bl-ebda rebbieħ ċar sa l-aħħar dawra, il-mument deċiżiv ġie fl-aħħar ftit metri, meta Formosa poġġa sprint b'saħħtu sabiex ħa l-ewwel post, millisekondi qabel Hili u Ebejer li spiċċaw fit-tieni u t-tielet post rispettivament. Mat-tieni grupp, kien Pierre Borg tal-Mosta li ħareġ u ta salt biex jidħol qabel il-kumplament tal-grupp.

Fil-Kategorija tan-nisa, Margaret Seguna (Mosta AF Sign Studio) stabilixxiet ruħha fuq quddiem u rebħet it-tellieqa b'distakk komdu fuq Anjelika Ruggier (Team Greens). Il-Kategorija tal-Masters 40+ ġiet mirbuħa miċ-ċiklista ta' Birkirkara St. Joseph, Brian Rogers, li rebaħ b'distakk minimu fuq Mario Attard (Team Greens). Fil-Kategorija Masters 50+, Steve Mifsud temm rebbieħ. Fil-Kategoriji taż-żgħar, il-Klabb Mosti ddomina b'rebħiet minn Jaeken Galea (Under 14 Males), Justine Degiorgio (Under 14 Females), Jacob Schembri (Under 16 Males). Magħhom fl-ewwel post fil-Kategorija Under 16 Females' kienet Kristina Spiteri (The Cyclist) ir-rebbieħa. Il-Kategorija Under 23, rat lil Brandon Sultana (Gozo CC) jieħu l-ewwel post. Fil-kategorija tal-juniors, Nikol Micallef temm l-ewwel. Tellieqa qasira għall-Under 12s seħħet qabel it-tellieqa prinċipali, u li fiha laqgħet lura fost iċ-ċiklisti liż-żagħżugħ Jake Vella.








# Real Madrid icedu x-xetru ta' Champions Ewropej

Wara 1011-il ġurnata

Real Madrid, champions Ewropej għal dawn l-aħħar tliet staġuni konsekuttivi temmew ir-renju tagħhom ma' l-eliminazzjoni minn Ajax jew aħjar 1011-il jum champions. Real neħħew imbagħad lill-kowċ Solari li kien ilu biss ħames xhur fil-kariga u reġgħu sejħu fit-tmun tat-tim lil Zinedine Zidane li miegħu tant rebħu unuri. Zidane hu t-tielet kowċ ta' Real f'dan l-istaġun.

Iċ-Champions League daħlet fil-fażi tal-kwarti finali u Juventus, Barcelona u Manchester City ikkunsidrati favoriti li jirbħu dan l-unur Ewropew it-tlieta jinsabu wkoll fit-triq li jirbħu l-kampjonat. Juventus b'vantaġġ sostanzjali jidhru resqin viċin li jirbħu scudetto ieħor ħafna qabel jintemm. Barcelona ukoll għandhom vantaġġ tajjeb biex jirbħu La Liga ladarba Real Madrid u anki Atletico Madrid jinsabu ftit lura.

Manchester City għandhom taqtigħa ma' Liverpool għal min minhom jirbaħ il-Premiership. Manchester City għadhom biċ-ċans li jagħmlu quadruple għax wara li rebħu l-League Cup għad jistgħu jirbħu l-FA Cup, il-Kampjonat u wkoll iċ-Champions League.

Meta f'April tkompli ċ-Champions League Manchester City iridu jilagħbu kontra Tottenham l-uniku konfront bejn żewġ timijiet Ingliżi mill-erbgħa li fadal fil-kompetizzjoni.

**Il-poloz telgħu hekk:**

Ajax v Juventus
Liverpool v Porto
Tottenham v Manchester City
Man Utd v Barcelona

Fis-semi finali Ajax jew Juventus jilagħbu kontra Tottenham jew Manchester City u Liverpool jew Porto jilagħbu kontra Man Utd jew Barcelona. Id-dati tal-logħbiet tal-kwarti tal-finali se jintlagħbu fid-9 u 10 ta' April u s-16 u 17 ta' Apri l. Il-final se tintlagħab f'Estadio Metropolitano ta' Atletico Madrid.




## Europa League

U biex ikun konfermat kemm hu b'saħħtu l-Premiership żewġ timijiet oħra jinsabu mal-aħħar tmienja tal-Europa League. Dan ifisser li l-ewwel sitt timijiet tal-Premiership għadhom f'kompetizzjoni Ewropea. Chelsea u Arsenal huma t-timijiet li fadal fil-kwarti finali tal-Europa League. Il-poloz rriżultaw hekk:

Arsenal v Napoli
Villareal v Valencia
Benfica v E. Frankfurt
Slavia Prague v Chelsea

Fis-semi finali ir-rebbieħ tal-ewwel logħba jilgħab ma' tat-tieni u r-rebbieħ tat-tielet jilgħab ma tar-raba'. Dan ifisser li meta tintlagħab il-final f' Baku f'Mejju li ġej, il-finalisti jistgħu jkunu Arsenal v Chelsea. Il-logħbiet tal-kwarti-finali se jintlagħbu fil-11 u t-18 ta' April.

Fil-kampjonati Ewropej u fl-Italja fejn Juventus huma 99 fil-mija champions, il-glieda li fadal hi min se jispiċċa fit-tliet postijiet li jiswew post fiċ-Champion League. Bħalissa f'dawn il-postijiet hemm Napoli, Milan u Inter.

Fil-Bundesliga Borussia Dortmund u Bayern Munich, wara d-diżappunt minħabba l-eliminazzjoni miċ-Champions League qed jissieltu għar-rebħ tat-titlu wara li Bayern tejbu l-forma tagħhom u d-distakk li kellhom wara Dortmund ġabuh fix-xejn biex laħquhom.



# Sliema jibdew l-istaġun fuq nota pożittiva

## STAĠUN 1965/66

### L-Ewwel Ġurnata

**16-10-1965: Sliema Wdrs. FC – Ħamrun Sp. FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Skorja: J. Bonett (S) 8' u 58'**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**

**Sliema Wdrs.** FC: Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Edward Darmanin (Franz Falzon 46'), Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, John Bonett, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Ħamrun Sp. FC:** Charles Buttigieg, Patistu Attard, Lolly Muscat, Karmenu Galea, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Albert Calleja, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Gejtu Briffa, Gejtu 'Iċ-Ċajn' Zammit (Jimmy Spiteri 57'), George Micallef.

1. Ħamrun Spartans kienu akkwistaw lil George Tonna mingħand Sliema Wdrs. FC, lil Karmenu Galea mingħand Birkirkara, lil Gejtu Zammit 'Iċ-Ċajn' mingħand St. Patrick FC, filwaqt li ħadu lura lil George Micallef mingħand Valletta FC u lil Jimmy Spiteri li fl-istaġun ta' qabel kien rebaħ il kampjonat tar reserves ma' Sliema Wanderers. Jimmy Spiteri huwa ħu Charles Spiteri 'Il-Kiskisell' tal-istess Sliema. George Tonna fl-istaġun ta' qabel, minkejja li kien fuq il-kotba ta' Sliema, pero' ma kienx lagħab partita waħda magħhom wara li fis-snin ta' qabel kien għażla awtomatika fit-team ta' Rabat FC. Kemm Birkirkara kif ukoll Valletta kienu għamluha diffiċli biex joħorġu l-clearance certificate lil Karmenu Galea u George Micallef rispettivament.
2. Ħamrun ittrasferew lill-player A. Debattista lil Little Rainbows fit-Tielet Diviżjoni filwaqt li kienu għoddhom tilfu lil Johnnie Zarb 'Il-Lolu' meta fil-ġranet tas-sajf kien kważi ffirma ma' Floriana.
3. Sliema kienu akkwistaw lil Edward Darmanin u Tony Griffiths mingħand Hibernians. Il-Pawlisti ma riedux jagħtu l-clearance certificate lil Darmanin iżda finalment ċ-ċertifikat ħarġuhulu jumejn biss qabel din il-partita wara li Sliema nfurnaw lill-MFA. Akkwist ieħor kien tal-player John Bonett mingħand Melita. Fil-fatt Bonett kien diġa lagħab żewġ staġuni ma' Sliema Wanderers bejn l-1960 u l-1962. Minn naħa l-oħra Sliema ċedew lil Alfred Debono 'Il-Paper' lil Floriana filwaqt li Peter Fitzgerald mar jgħix l-Ingilterra.
4. Sliema Wanderers bdew it-training tagħhom hekk kif irritorna Janos Bedl mill-Ungerija fit-3 t'Awwissu 1965 fil-ground ta' Tigne. Kull sena l-Wanderers kienu jittrenjaw fl-Istadium tal-Gżira iżda peress li f'dan l-istaġun l-MFA kellha l-inkwiet mal-Management tal-Istadium fuq ftehim ta' kuntratt ġdid, l-MFA ma tatx permess lill-clubs tagħha jagħmlu użu mill-Istadium. Wara kienet ġriet ix xniegħa li Sliema xorta waħda kienu reġgħu bdew jittrenjaw fil-Gżira Stadium tant li fis-26 t'Ottubru l-MFA kienet ħarġet stqarrija li fiha qalet li kienet ser tinvestiga l-każ u jekk issib li dawn ix-xniegħat huma minnhom kienet ser tieħu passi dixxiplinarji kontra l-club Slimiż.
5. Sliema Wanderers kellhom lura lil Ronnie Cocks wara li kien tilef il-partita away tat-Tazza taċ-Champions kontra Panathinaikos tal-Greċja minħabba li kien sofra xi ħruq waqt li kien fuq ix-xogħol ma' Gasan Enterprises. Huwa kien ħareġ mill-isptar San Luqa nhar l-Erbgħa 11 t' Awwissu 1965 wara li kien dam xahar rikoverat hemmhekk. Cocks kien diġa' lagħab fi friendly kontra Marsa fit 2 t' Ottubru 1965 li Sliema rebħu 2 0 b' goals tal-istess Ronnie Cocks u Vince Vassallo u fil-partita home tat-Tazza taċ-Champions kontra Panathinaikos fl-10 t'Ottubru.
6. Sliema kienu sfortunati li ma żiedux aktar goals lejn tmiem il-logħba meta l-ewwel Lolly Muscat fis-77 minuta salva minn fuq il-linja lob ta' Joe Cini li kien għeleb lill-goalkeeper Buttigieg filwaqt li erba' minuti mit-tmiem Ronnie Cocks b'kanunata laqat il-mimduda b'Buttigieg megħlub għal kollox.

7. Sliema Wanderers kienu qed jilgħabu mingħajr Joe Aquilina li weġġa rkopptu kontra Panathinaikos filwaqt li Joe Cini, Edward Aquilina u Vince Vassallo kollha kienu dubjużi iżda lagħbu. Minflok Aquilina daħal Twanny Vassallo.
8. Players oħra neqsin għall-Wanderers kienu George Cuschieri li ma kienx qed jinżel għat-training u talab li jiġi trasferit wara li Sliema kienu ser jilgħabuh fil-kampjonat tar-Reserves u Salvu Bonnici li ma lagħbx minħabba li kien ġie sospiż għal xahar mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA wara li kien instab ħati li xejjer daqqa lill-player avversarju u li kkaġuna l-abbandun tal-pre-season friendly kontra Floriana. Din il-friendly kienet ġiet imwaqqfa mir-referee Joe Cassar Naudi fis-70 minuta bl-iskor 1-1 wara li l-captain Furjaniż Lolly Borg kien ħareġ lill-players tiegħu mill-ground minħabba l-glied li nqala' bejn il-players kollha.
9. Fi friendlies oħra ta' qabel il-kampjonat Sliema Wanderers kienu għelbu lil Floriana 2-0 b' żewġ goals ta' Joe Aquilina f'partita li ntlagħbet fit-3 ta' Settembru fil-ground ta' Ħal Luqa, filwaqt li fil-11 ta' Settembru 1965 fix-Schreiber huma kienu għelbu lil Marsa FC 9-2 b'żewġ hat tricks minn Joe Cini u Vince Vassallo u goal kull wieħed minn Robbie Buttigieg, John Bonett u Edward Aquilina. Johnnie Fondacaro kien skorja żewġ penalties għal Marsa.
10. Kien hemm entużjażmu kbir fil-club Ħamruniż taħt il-Presidenza ġdida ta' Consiglio Damato fejn il-membri mħallsa telgħu għal iktar minn 400 filwaqt li fit-12 t'Awwissu reġa' beda joħroġ il-magazine tal-Club 'Spartans Magazine' wara nuqqas ta' erba' snin bis-Sur Bertie Gauci jinħatar Editur. Pawlu Debattista 'It-Tamlu' żamm postu fil-kumitat għall-20 sena konsekuttiva. Huwa kien ilu fil-kumitat minn żmien il-Ħamrun Liberty fl-1945.
11. Kien hemm 1,600 spettatur preżenti għal din l-ewwel partita tal-kampjonat bill-clubs jieħdu £36 kull wieħed gate-money.

**20-10-1965: Hibernians FC – Birkirkara FC 0-0**
**Referee: Joseph Agius**
**Linesmen: Tommy Restall u Ritchie Casha**

**Hibernians** FC: Alfred 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Edgar Caruana, Salvu 'Karettuni' Gatt, Freddie 'Barbettu' Mallia (Frankie Pisani), Freddie Delia, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Joe Galea, Norman Buckle, Jimmy Mizzi, Victor 'Il-Palun' Cassar.

**Birkirkara FC:** Pawlu Bonello, Pawlu Barbara, Ġanni Saliba, Charles Spiteri, Joe 'Il-Lolu' Zarb, Nenu 'Id-Deppi' Saliba, Ġeraldu 'Ġillu' Pace, Johnnie 'Finney' Micallef, Karmenu 'L-Iscotch' Borg, Charles 'Id-Dunda' Micallef, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. Din il-partita suppost li kellha tintlagħab il-Ħadd 17 t'Ottubru iżda ntlagħbet tliet ijiem wara minħabba li l-logħob kollu tal-Ħadd, inkluż dak programmat fix-Schreiber, tħassar kawża tal-maltemp qawwi. L-Imsida kienet mgħarrqa filwaqt li fi bnadi oħra bil-maltemp kienet iġġarfet il-Mina tal-Isla.
2. L-akkwisti l-ġodda ta' Hibernians kienu Edgar Caruana li ġie akkwistat mingħand il-girien Little Rainbows u l-inside forward Joe Galea li ġie akkwistat mingħand Gżira United. Hibernians kienu anke ppruvaw iġibu player barrani fejn kellhom negozjati ma' l-ex player ta' Celtic Tom Curley u mal-player Pat Hughes li ħuh John kien regolari ma'Celtic. In-negozjati fiż-żewġ okkażjonijiet kienu fallew.
3. Hibernians kienu ngaġġaw lil Tony Tagliaferro, Surġent fl-Air Force, bħala Coach tagħhom. Tagliaferro kien fully FA qualified coach u Physical Training Instructor fil-Barracks ta' Ħal Safi.
4. Victor Cassar, li kien telaq lejn l-Ingilterra f'nofs l-istaġun ta' qabel f'mument meta kien jinsab fil-quċċata tal-klassifika tal-aqwa skorers, irritorna Malta fit-13 t'Ottubru fis-sagħtejn ta' fil-għodu. Minkejja li l-kampjonat kien ser jibda sebat ijiem wara Cassar ħa postu b'mod immedjat fl-ewwel team ta' Hibernians wara li beda jinżel għat-training mill-istess jum li fih wasal Malta.
5. Minkejja li kienu rranġaw id-differenzi mad-difensur Michael Zammit, Hibernians xorta ma setgħux jagħmlu użu mill-player minħabba li kien tkeċċa fi friendly u ġie sospiż żewġ logħbiet.
6. Hibernians kienu ċedew lill-players Tony Griffiths u Edward Darmanin lil Sliema Wanderers filwaqt li Sunny Anastasi sieħeb lil Siggiewi fit-Tielet Diviżjoni. Anastasi kellu jmur għal sentejn mal-Armata f'Dortmund il-Ġermanja minn Ottubru iżda kien talab lill Hibernians iħalluh jilgħab sa komm iciofor ma' Siġġiewi. Lejn tmiem l-istaġun ta' qabel, Sunny Anastasi minkejja li kien qed jilgħab ma' Hibernians kien ġie ngaġġat bħala coach minn Siggiewi.
7. Ġanni Saliba ta' Birkirkara fl-istaġun ta' qabel kien lagħab partita waħda ma' Rabat FC. Huwa jiġi ħu l-player Nenu Saliba 'Id-Deppi'. Fis-snin sebgħin ħuhpm iż-żgħir Ġużi Saliba kien lagħab goalkeeper mal-istess Birkirkara.
8. Ir-riżultat ta' draw kien kemmxejn sorprendenti meta Birkirkara kienu għadhom kemm ġew promossi filwaqt li Hibernians kienu kkunsidrati fost il-favoriti għar-rebħ tal-kampjonat flimkien mall-Wanderers.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# SPOT THE BALL

## u irbaħ Flokk ta' Juventus




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.

Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 t'April, 2019 Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.

Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Juventus ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 143

Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 143 huwa:
**F. Cassar - Paola**




# TISLIBA



### MIMDUDIN

1) L-attakkant Brażiljan li m'ilux tilef ħajtu traġikament (8,4)
9) Beenhakker, karriera ta' coaching ma' bosta clubs u pajjiżi (3)
10) Sergej ..........-Savić, midfielder offensiv ta' SS Lazio (10)
12) Mukhtar, midfielder ta' Vitesse u Saudi Arabia (3)
13) Mehdi, ex midfielder ta' Newcastle u Panathinaikos (5)
14) Bruno, difensur b'84 partita u 9 goals mall-Awstrija (6)
15) "... Nijmegen", club fit-Tielet Diviżjoni tal-Olanda (3)
17) Il-moħħ wara s-suċċess Brażiljan fil-Fifa WC 1970 (6)
18) Nigel, center-back ta' Newcastle Jets fil-J-League fl-Awstralja (8)
21) Nathan, difensur attwali ta' Bournemouth u l-Olanda (3)
23) Raymond, player Franċiż li rebaħ 3 Chamipons Cups ma' Real (4)
24) Van der Sar, iddefenda l-lasti Olandiżi f'130 partita (5)
26) Kuyt, ex-winger b'104 partita u 24 goal għall-Olanda (4)
28) L-ittri qabel Victoria Wanderers u Slavia Prague (1,1)
29) Igor, 24 partita ma' USSR, 4 ma' CIS u 18 mar-Russja (11)
30) L-ittri qabel Monaco, Roma u Nancy (1,1)
31) El "..." Aguero, min aktar? (3)
33) Jozy, attakkant ta' li Statu Uniti b'110 partita u 41 goal (8)
37) Emre, midfielder attwali Tork ta' Juventus (3)
38) Il-United ta' Elland Raod, imwaqqfa fis-17 ta' Ottubru 1919 (5)

### WEQFIN

2) Li stadium li kien imlaqqam "Wembley of the North" (5,4)
3) "The Red Bulls" tal-Bundesliga (7)
4) Atakan, ex player ta' FC Willem II fl-Olanda (8)
5) Cabrera, partita waħda għal Ħonduras qabel miet ta' 33 sena (5)
6) Paco, attakkant attwali ta' Borussia Dortmund u Spanja (7)
7) Club Ingliż li għalaq il-bibien tiegħu f'Marzu 1993 (9)
8) Il-goalkeeper leġġendarju Ingliż li ħalliena m'ilux (6,5)
11 u 16) Blokhin, 112 partita u 42 goal għall-Unjoni Sovjetika (4)
16) Ara 11 Weqfin
19) Patrick van ......., left-back ta' Crystal Palace u l-Olanda (7)
20) Nathan, winger attwali ta' Southampton u tal-Olanda (7)
22) Marius, difensur ta' Franza fil-Fifa WC 1978 u 1982 (6)
24) Mevlüt, ex attakkant ta' Paris SG u Saint-Etienne (6)
25) Peter, ex midfielder ta' Helsingborgs u li Żvezja (6)
27) u 36) Jon Obi, 249 partita ma' Chelsea 2006-2017 (5)
28) "Stadio ... Paolo" ta' Napoli (3)
32) Seeler, 476 partita u 404 goal għal Hamburg (3)
34) u 35) Shalimov, ex midfielder ta' Spartak Moscow u Inter (4)
35) Ara 34 Wefin
36) Ara 27 Weqfin

## Soluzzjoni - Ħarġa nru 143

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | Y | K | H | A | Y | L | Y | C | H | E | N | K | O |
| I | | A | | L | | I | | O | | C | | A | |
| D | Z | I | E | K | A | N | O | W | S | K | I | | Y |
| D | | S | | M | | G | O | D | | E | | I | N |
| L | I | E | P | A | J | A | | E | M | R | E | | W |
| E | | R | | A | A | R | O | N | | S | | M | A |
| S | E | S | A | R | | D | | B | | L | | A | |
| B | | L | | | A | | B | E | N | E | T | T | I |
| R | E | A | D | I | N | G | | A | | Y | | R | |
| O | | U | | | N | A | F | T | I | | A | I | N |
| U | M | T | U | T | I | | A | H | M | A | N | | Z |
| G | | E | | H | | B | | | O | | D | E | A |
| H | O | R | M | A | Z | A | B | A | L | | R | | M |
| | | N | S | I | | I | | | A | R | E | N | A |

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta - Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 143: **P. Caruana - Zabbar**

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 t'April 2019:
**Sportiv Magazine**
**Kompetizzjoni Tisliba,**
**c/o A41, Marsa**
**Industrial Estate,**
**Marsa MRS3000.**




**SUNGLASSES:** POLAR - CEBE **DAYSOFT UV:** ONE DAY DISPOSABLE CONTACT LENSES

**ONE HOUR SERVICE**

**OPEN ALL DAY** AT G'MANGIA
Mon-Fri: 0830hrs - 1930hrs
Sat: 0830hrs - 1230hrs

THE CATHEDRAL OPTICAL

| | | | |
|---|---|---|---|
| G'MANGIA | 2122 6020/3 | NAXXAR | 2143 1152 |
| | 2122 8370 | B'BUGIA | 2142 1976 |
| FGURA | 2167 3332 | ZEBBUG | 2167 3332 |
| ZEBBUG | 2146 5768 | RABAT | 2145 0845 |
| MQABBA | 2748 7582 | LUQA | 2189 5248 |
| B'KARA | 2149 0213 | ATTARD | 2141 8315 |
| QORMI (PINTO OPTICIANS) | 2148 8950 | SAN GWANN | 2138 3947 |

adidas asics Babolat diadora HIGH POWER LEONE SINCE 1947 macron

TEAMSPORT

Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara

Reebok speedo molten Sixtus McDAVID UNDER ARMOUR. TYR

Click

**inewsmalta**.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA